

Manwal tal-Industrija għall-Utenti dwar il-PIC elettroniku

Verżjoni 1.3



Verżjoni	Bidliet	Data
1.3	Riveduti "Mmaniġġja t-taħlitiet" u "Mmaniġġja l-oġġetti" Reviżjoni testwali ġenerali	Ottubru 2015
1.2	It-tneħħija tan-notifikazzjoni pendenti mil-lista tal-kompiti Aċċess għal "Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta" Speċifika s-sena tal-esportazzjoni għal RIN Speċjali bl-Ingrossa Ippreżenta talba Speċjali RIN meta l-pajjiż li jimporta jkun irrinunzja għad-dritt tiegħu li jirċievi notifikazzjonijiet dwar l- esportazzjoni	April 2015
1.1	Miżjuda informazzjoni dwar rappurtar dwar l-Artikolu 10. Aġġornata informazzjoni dwar il-ħolqien ta' notifikazzjonijiet dwar l-esportazzjoni għal "elementi ta' gruppi" fil-forma ta' sustanza pura.	Jannar 2015
1.0	Rilaxx inizjali	Settembru 2014

Titolu: Manwal dwar il-Preżentazzjoni tal-PIC elettroniku għal Utenti tal-Industrija

Referenza: ECHA-15-B-07-MT

Numru tal-Katalogu: ED-01-15-196-MT-N

ISBN: 978-92-9247-632-8

DOI: 10.2823/86541

Data: Ottubru 2015

Lingwa: Malti

© L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi, 2015

Jekk għandek xi mistoqsijiet jew kummenti li jirrigwardaw dan id-dokument jekk jogħġbok ibgħathom (ikkwota r-referenza u d-data tal-ħruġ) billi tuża l-formola biex titlob l-informazzjoni. Din il-formola jista' jkollok aċċess għaliha permezz tal-paġna 'Kkuntattja lill-ECHA' f': <http://echa.europa.eu/contact>

Ċaħda ta' reponsabbiltà: Din hija traduzzjoni tax-xogħol ta' dokument ippubblikat oriġinarjament bl-Ingliż. Id-dokument oriġinali huwa disponibbli fuq il-websajt tal-ECHA.

L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi

Indirizz postali: Kaxxa postali 400, FI-00121 Helsinki, Finlandja

Indirizz sekondarju: Annankatu 18, Helsinki, Finlandja

Werrej

1. Introduzzjoni.....	7
1.1 L-Objettiv.....	7
1.2 Ikoni, abbrevjazzjonijiet u terminoloġija.....	7
2. Prinċipji Ġenerali	8
2.1 X'inhu I-PIC elettroniku?.....	8
2.2 L-interfaċċja tal-industrija	8
2.3 Interfaċċja dwar l-Awtorità	8
2.4 Interfaċċja Doganali	8
3. Paġna Prinċipali dwar l-Industrija.....	9
4. Oĥloq u Mmaniġġja Taħlitiet/Oġġetti	10
4.1 Taħlitiet	10
4.1.1 Oĥloq taħlita ġdida	10
4.1.2 Tab tas-Sommarju.....	11
4.1.3 Sustanzi kimiċi tal-Anness I	11
4.1.4 Tab SDS.....	12
4.1.5 Buttuni biex Tissejvja u Tagħlaq, Tissejvja u Tikkanċella	13
4.1.6 Fittex taħlitiet	14
4.1.7 Editja t-taħlita.....	15
4.2 Oġġetti	16
4.2.1 Oĥloq oġġett ġdid.....	17
4.2.2 Tab tas-Sommarju.....	17
4.2.3 Sustanzi kimiċi tal-Anness I	18
4.2.4 Tab SDS.....	19
4.2.5 Buttuni biex Tissejvja u Tagħlaq, Tissejvja u Tikkanċella	20
4.2.6 Tfittxija għal oġġetti	20
4.2.7 Editja l-oġġett.....	22
5. Oĥloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni	24
5.1 Notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika	24
5.1.1 Taqsima 1: L-identità tas-sustanza kimika hija soġġetta għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni.....	24
5.1.2 Taqsima 3: Informazzjoni dwar l-esportazzjoni:	26
5.1.3 Taqsima 4: Informazzjoni dwar perikoli u/jew riskji tas-sustanza kimika u miżuri ta' prekawzjoni.	29
5.1.4 Taqsima 5: Informazzjoni dwar il-karatteristiċi fiżikokimiċi, tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi tas-sustanza kimika	30
5.1.5 Taqsima 6: Informazzjoni fil-qosor dwar azzjoni regolatorja finali meħuda mill-pajjiż tal-esportazzjoni	31
5.1.6 Dokumenti Mehmuża	31
5.1.7 Buttuni Issejvja u Agħlaq, Issevja, Ippreżenta u Ikkonċella	32
5.2 Notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni għal taħlitiet / oġġetti.....	32
5.2.1 Taqsima 2: Identità tat-taħlita / l-oġġett li għandu jiġi esportat	33

5.2.2 Dokumenti Mehmuża	33
6. Ippreżenta notifikazzjoni dwar l-esportazzjoni	34
6.1 Abbozz ta' notifikazzjoni mingħajr żbalji	34
6.2 Abbozz ta' notifikazzjoni mhux komplet.....	35
7. Ippreżenta mill-ġdid in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni	37
7.1 L-aċċess għal messaġġi marbuta ma' notifikazzjoni tal-esportazzjoni	37
7.2 Preżentazzjoni mill-ġdid tan-notifikazzjoni	38
7.3 It-tneħħija ta' notifikazzjoni tal-esportazzjoni 'pendenti' mil-lista tal-kompiti	38
8. Notifikazzjoni doppja.....	39
9. RIN Speċjali.....	41
9.1 Oħloq talba speċjali RIN	41
9.1.1 Informazzjoni dwar l-esportazzjoni	41
9.1.2 Dokumenti Mehmuża	42
9.1.3 RINs speċjali għal esportazzjonijiet minbarra għal skopijiet ta' riċerka jew analiżi	42
9.2 Talba speċjali RIN bil-Massa	43
9.2.1 Information dwar l-Esportazzjoni.....	43
9.2.2 Dokumenti Mehmuża	44
9.3 Rinunzja ta' Emerġenza	44
9.3.1 Taqsima 3 - Informazzjoni dwar l-importazzjoni	44
9.3.2 Dokumenti Mehmuża	44
10. Kif iżżomm kont tan-notifikazzjonijiet tiegħek	45
10.1 Storja tal-avveniment	45
10.2 Storja tal-Preżentazzjoni	45
10.3 Emails ta' twissija.....	46
11. Rinunzji	48
11.1 Talba ta' rinunzja fl-assenza ta' twegħiba għal talba għal kunsens espliċitu (rinunzja standard)	48
11.1.1 Kif tipproponi rinunzja standard.....	48
11.2 Rinunzja OECD.....	49
11.2.1 Ipproponi rinunzja	49
12. Artikolu 10 Kif tirrapporta f'PIC elettroniku	50
12.1 Kif tiġġenera r-rapport tal-Artikolu 10	50
12.2 Kif tivverifika u tikkompleta r-rapport tal-Artikolu 10 dwar l-esportazzjonijiet.....	50
12.2.1 Dettalji dwar l-Esportazzjoni	51
12.2.2 Iskrizzjoni Manwali tad-Data dwar l-Esportazzjonijiet	52
12.3 Rapport tal-Artikolu 10 dwar l-importazzjonijiet	52
12.4 Preżentazzjoni ta' rapport tal-Artikolu 10 (esportazzjoni/importazzjoni)	53
12.5 Kif tniżżel rapport dwar l-Artikolu 10 ippreżentat f'format Excel.....	53
13. Funzjonalitajiet ta' ftitxija f'PIC elettroniku	55
13.1 Fittex Notifikazzjonijiet tal-Esportazzjoni / Talbiet Speċjali RIN.....	55
13.2 Fittex Taħlita / Oġġett.....	56

13.3 Statuses RIN.....	56
13.4 Informazzjoni speċifika minn pajjiżi li jimportaw.....	57

Tabella tal-Figuri

Figura 1: Paġna Prinċipali tal-Industrija tal-PIC elettroniku.....	9
Figura 2: Funzjonalità biex toħloq taħlita ġdida.....	10
Figura 3: Skrin biex toħloq taħlita	11
Figura 4: Tab tas-sustanzi kimiċi tal-Anness I	12
Figura 5: Tab SDS	13
Figura 6: Link biex timmaniġġja t-taħlitiet	14
Figura 7: L-iskrin biex tfittex it-taħlita/l-oġġett	14
Figura 8: Riżultati ta' tfittxija	15
Figura 9: Fittex bl-isem/bis-sustanza kimika tal-Anness I	15
Figura 10: Riżultat tat-tfittxija - taħlitiet	16
Figura 11: Editja t-taħlita	16
Figura 12: Funzjonalità biex toħloq oġġett ġdid.....	17
Figura 13: Skrin biex toħloq oġġett	17
Figura 14: Tab tas-sustanzi kimiċi tal-Anness I	18
Figura 15: Tab SDS	19
Figura 16: Immaniġġja l-link tal-oġġetti.....	20
Figura 17: L-iskrin biex tfittex Taħlita/Oġġett.....	21
Figura 18: Riżultati ta' tfittxija	21
Figura 19: Fittex bl-isem/is-sustanza kimika tal-Anness I	21
Figura 20: Riżultat tat-tfittxija - oġġetti	22
Figura 21: Editja l-oġġett.....	22
Figura 22: Oħloq skrin għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika.....	24
Figura 23: Żona komuni	24
Figura 24: Taqsima 1	26
Figura 25: Agħżel l-esportatur	27
Figura 26: Dettalji tal-esportatur f'PIC elettroniku	27
Figura 27: Immaniġġja l-Imsieħba Kummerċjali.....	28
Figura 28: Żid Sieħeb Kummerċjali Ġdid	28
Figura 29: II-kodifikazzjoni ta' Sieħeb Kummerċjali Ġdid	29
Figura 30: Taqsima 4	30
Figura 31: Oqsma obbligatorji fit-taqsima 5	30
Figura 32: Azzjoni regolatorja finali.....	31
Figura 33: Oħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal taħlita.....	32
Figura 34: Ippreżenta notifikazzjoni dwar l-esportazzjoni.....	34
Figura 35: Skrin ta' preżentazzjoni b'suċċess	35
Figura 36: Żbalji li jidhru f'notifikazzjoni mhux kompleta	36

Figura 37: Notifikazzjonijiet ta' preżentazzjoni mill-ġdid pendenti	37
Figura 38: Il-kolonna tal-azzjonijiet turi l-preżenza ta' messaġġ mill-awtoritajiet	37
Figura 39: Ara l-possibbiltà tal-istorja tal-messaġġi	38
Figura 40: Aħbi notifikazzjoni tal-esportazzjoni pendenti	38
Figura 41: Fittex u Ara n-notifikazzjoni tal-esportazzjoni	39
Figura 42: Ara n-Notifikazzjoni	39
Figura 43: Menu tal-azzjonijiet	39
Figura 44: Twissija ta' Notifikazzjoni doppja	40
Figura 45: Dikjarazzjoni dwar l-applikabbiltà ta' Talba Speċjali RIN	43
Figura 46: Link għal "Event history" [Storja tal-avveniment]	45
Figura 47: Link għal "Submission history" [Storja tal-preżentazzjoni]	46
Figura 48: Settings ta' notifikazzjoni bl-email	46
Figura 49: Ixgħel notifikazzjonijiet bl-email	47
Figura 50: Żid persuna ta' kuntatt ġdida	47
Figura 51: Issejvja d-dettalji ta' kuntatt ġodda	47
Figura 52: Link għal "Propose waiver" [Ipproponi rinunzja]	48
Figura 53: Il-possibbiltà li tipproponi rinunzja	49
Figura 54: Rapport tal-Art. 10 - Sommarju tar-Rapport	50
Figura 55: Rapport tal-Art. 10 - Dettalji tal-Kumpanija	51
Figura 56: Rapport tal-Art. 10 - Dettalji dwar l-Esportazzjonijiet	51
Figura 57 Niżżel ir-rapport tal-Artikolu 10 bħala fajl excel	54
Figura 58: Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta	57
Figura 59: Ikona li tavża lill-utent dwar informazzjoni disponibbli speċifika għall-pajjiż	57

1. Introduzzjoni

1.1 L-Objettiv

L-iskop ta' dan il-manwal hu li jipprovdi għajnuna dwar kif tuża l-applikazzjoni IT PIC elettroniku sabiex utenti tal-industrija jissodisfaw l-obbligi tagħhom taħt ir-Regolament (UE) Nru 649/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar l-esportazzjoni u l-importazzjoni ta' sustanzi kimiċi perikolużi, minn hawn 'il quddiem magħruf bħala r-regolament PIC. Il-manwal jiddeskrivi kif tippreżenta u ssegwi notifikazzjonijiet fuq l-esportazzjoni (u kompiti relatati), talbiet speċjali RIN u rapporti dwar l-Artikolu 10.

Dan il-manwal (Manwal tal-Preżentazzjoni tal-PIC elettroniku) minn hawn 'il quddiem huwa magħruf bħala l-ESM. Il-manwali kollha tal-preżentazzjoni ppreparati mill-ECHA jista' jkollok aċċess għalihom mis-[sit web tal-ECHA](#).

1.2 Ikoni, abbrevjazzjonijiet u terminoloġija

Dan l-ESM juża tulu diversi ikoni u abbrevjazzjonijiet speċifiċi. L-ikoni jidhru f'żoni partikolari tat-test biex jenfasizzaw informazzjoni utli jew importanti.

L-ikoni li għejjin jintużaw tul dan il-manwal:



Informazzjoni, gwida, assistenza utli



Nota importanti ħafna

L-abbrevjazzjonijiet li għejjin jintużaw tul dan il-manwal:

Kodiċi NK	Kodiċi tan-Nomenklatura Kkombinata
COM	Kummissjoni Ewropea - DG tal-Ambjent
Kodiċi CUS	Inventarju Doganali Ewropew tal-Kodiċijiet tas-Sustanzi Kimiċi
DNA	Awtorità Nazzjonali Deżinjata
ECHA	L-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi
Kodiċi HS	Kodiċi tas-Sistema Armonizzata
LE	Entità Legali
NEA	Awtorità Nazzjonali tal-Infurzar
PIC	Kunsens Infurmat minn Qabel
Regolament PIC	Regolament (UE) Nru 649/2012
RIN	Numru ta' Identifikazzjoni ta' Referenza
SDS	Skeda ta' Data ta' Sigurtà

2. Princijpi Ġenerali

2.1 X'inhu I-PIC elettroniku?

Il-PIC elettroniku huwa sistema tal-IT żviluppata u miżmuma mill-ECHA, bl-iskop li tiżgura li l-proċessi meħtieġa taħt ir-regolament PIC għandhom is-sostenn ta' sistema xierqa ta' IT. Il-PIC elettroniku jikkonsisti fi tliet interfaċċji indipendenti, waħda dedikata għal utenti tal-industrija, waħda għal utenti tal-awtorità (fil-preżent I-ECHA, DNAs u COM; fil-ġejjieni qarib, ukoll NEAs) u waħda għal utenti doganali. L-applikazzjoni tiffaċilita l-iskambju sigur ta' informazzjoni bejn utenti tal-industrija u utenti tal-awtorità.

2.2 L-interfaċċja tal-industrija

L-interfaċċja tal-industrija tal-PIC elettroniku tiżgura l-preżentazzjoni sigura tad-data u l-iskambju ta' informazzjoni ma' utenti tal-awtorità Permezz ta' din l-interfaċċja, l-utenti tal-industrija jistgħu jaraw u jaġġornaw id-data tagħhom u jagħmlu monitoraġġ tal-preżentazzjonijiet tagħhom. Utenti tal-industrija jistgħu jwettqu login f'PIC elettroniku u:

- jippreżentaw notifikazzjonijiet dwar l-esportazzjoni,
- jippreżentaw talbiet speċjali RIN (singoli u f'daqqa),
- jippreżentaw ir-rapporti tagħhom dwar esportazzjonijiet u importazzjonijiet attwali li seħħew matul is-sena kalendarja preċedenti (skont l-Artikolu 10 tar-Regolament PIC),
- jimmaniġġaw it-taħlitiet u l-oġġetti tagħhom,
- jitolbu rinunzja (jekk applikabbli),
- jaraw l-istatus ta' notifikazzjonijiet ippreżentati u talbiet speċjali RIN,
- jikkompletaw kompiti attribwiti minn utenti tal-awtorità (eż. talbiet dwar preżentazzjoni mill-ġdid)
- jivverifikaw jekk tistax isseħħ l-esportazzjoni partikolari jew le,
- jivverifikaw jekk pajjiż li jimporta (mhux tal-UE) iprovdiex informazzjoni dwar l-importazzjoni ta' ċerti sustanzi kimiċi jew kategoriji ta' sustanzi kimiċi.

2.3 Interfaċċja dwar l-Awtorità

L-interfaċċja tal-awtorità tal-PIC elettroniku hija ta' sostenn għax-xogħol ta' kuljum tal-awtoritajiet fil-proċess regolatorju. Permezz ta' din l-interfaċċja, utenti tal-awtorità jistgħu jipproċessaw il-kompiti tagħhom u jgħadduhom lill-ECHA/COM, kif ukoll jikkomunikaw b'mod sigur ma' utenti tal-industrija.


2.4 Interfaċċja Doganali

L-interfaċċja doganali tal-PIC elettroniku hija dedikata għal uffiċjali doganali, u tipprovdihom informazzjoni li tirrigwarda d-dettallji u l-istatus tal-esportazzjoni (eż. kontenut, pajjiż destinatariju u jekk l-esportazzjoni titħallix jew le f'mument partikolari ta' żmien).

3. Paġna Prinċipali dwar I-Industrija

Wara li jilloggja fl-applikazzjoni, l-utent huwa ppreżentat bil-“Paġna Prinċipali” (Figura 1). Il-paġna prinċipali hija l-punt ta' tluq li minnu jista' jkun hemm aċċess għall-kompiti kollha. Tipprovdi wkoll ħarsa ġenerali u aċċess faċli għar-RINs pendenti/attivi/inattivi u għal kull notifikazzjoni li potenzjalment hemm pendenti l-preżentazzjoni mill-ġdid.

Figura 1: Paġna Prinċipali tal-Industrija tal-PIC elettroniku



Il-Paġna Prinċipali tista' tinqasam f'erba' partijiet prinċipali:

- It-taqsimha tan-nofs b'7 madumiet li jipprovdu l-għadd ta' notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni u talbiet speċjali RIN bi statuses differenti. Dawn il-madumiet jiffunzjonaw ukoll bħala mezzi faċli biex tilħaq it-taqsimiet rilevanti tal-applikazzjoni. Għandek tkun taf li s-seba' maduma li turi l-għadd ta' rapporti pendenti dwar l-Artikolu 10 hija disponibbli biss jekk l-utent ikollu abbozz ta' rapport fis-sistema.
- Fuq il-madumiet issib il-feed tal-aħbarijiet. Dan il-feed juri żewġ tipi ta' avviżi: aħbarijiet u twissijiet. It-twissijiet jidhru f'kaxxa tal-messaġġi ħamra, filwaqt li l-aħbarijiet jidhru bil-blu. Fil-parti l-kbira tal-każijiet it-twissijiet jintużaw meta l-esportaturi jkunu meħtieġa jieħdu ċerti azzjonijiet, filwaqt li l-punti tal-aħbarijiet qegħdin hemm biex jipprovdu informazzjoni ġenerika.
- Il-menu fuq in-naħa tax-xellug (magħruf ukoll bħala l-menu prinċipali) jservi bħala navigatur tal-applikazzjoni u minnu wieħed jista' jkollu aċċess għall-parti l-kbira tal-funzjonalitajiet tal-PIC elettroniku. Fih ukoll żbarra għal "quick search" [tfitxxija malajr] fejn jekk iddaħħal RIN jew ID ta' kunsens espliċitu/rinunzja tingħata r-riżultat rilevanti.
- L-iżbarra ta' fuq tagħti link għall-modulu "ECHA Accounts" [Kontijiet tal-ECHA]. Hekk kif l-utent jerġa' jkun dirett lejn il-Kontijiet tal-ECHA, ikun possibbli li taqleb bejn utenti differenti (għal dawk l-utenti li għandhom kontijiet f'LEs differenti), li tara d-dettalji tal-Parti u li teditjahom (jekk l-utent tal-PIC elettroniku jkun ukoll Ġestitur tal-Kontijiet tal-ECHA). Għal aktar dettalji dwar il-Kontijiet tal-ECHA jekk jogħġbok irreferi għall-manwal tal-utent tagħha disponibbli mis-sit web tal-ECHA.

4. Oħloq u Mmaniġġja Taħlitiet/Oġġetti

Sabiex tavża dwar l-esportazzjoni ta' taħlitiet jew oġġetti għandek l-ewwel toħloq librerija tat-taħlitiet jew tal-oġġetti tiegħek. Wara dan, it-taħlita/ l-oġġett li tixtieq tista' tagħżilha/lu direttament mill-formola ta' notifika tal-esportazzjoni. L-informazzjoni pprovduta matul il-ħolqien tat-taħlita/l-oġġett tiegħek timentela minn qabel awtomatikament fl-oqsma rilevanti fil-formola li tinnotifika l-esportazzjoni.


Il-funzjonalitajiet rilevanti tal-PIC elettroniku huma disponibbli fil-menu prinċipali, taħt it-taqsim "Sustanzi kimiċi, Taħlitiet u Oġġetti."

4.1 Taħlitiet

4.1.1 Oħloq taħlita ġdida

Biex iżżid taħlita ġdida mal-librerija tiegħek, ikklikkja fuq il-link "Create mixture" [Oħloq taħlita] mill-menu prinċipali (Figura 2).

Figura 2: Funzjonalità biex toħloq taħlita ġdida



Tinfetaħ paġna ġdida bl-intestatura "Taħlita" (Figura 3). Il-formola tikkonsisti fi tliet taqsimiet bit-tab "Sommaru" [Sommarju] li jidher awtomatikament.

L-oqsma obligatorji kollha huma mmarkati b' asterisk *.

Figura 3: Skrin biex toħloq taħlita

4.1.2 Tab tas-Sommarju

L-ewwel tab fiha oqsma biex tiġi iskritta informazzjoni li tirrigwarda l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tat-taħlita. L-oqsma li ġejjin huma disponibbli u l-intestaturi b'asterisk jirreferu għall-oqsma obligatorji:

- **Isem***: l-isem tat-taħlita
- **Kodiċi NM***: Kodiċi tan-Nomenklatura Kkumbinata tat-taħlita
- **Kodiċi CUS**: Inventarju Doganali Ewropew tal-Identifikaturi tas-Sustanzi Kimiċi (jekk disponibbli)
- **Kodiċi HS**: Kodiċi tas-Sistema Armonizzata tat-taħlita (jekk disponibbli)
- **Isem addizzjonali**: Għandek il-possibbiltà li tipprovdi isem alternattiv għat-taħlita tiegħek. Jekk tħallih vojta, l-isem reali tat-taħlita jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-ECHA
- **Klassifikazzjoni tal-perikolu***: Klassifikazzjoni tal-perikolu tat-taħlita



Li tipprovdi referenza għall-SDS mehmuża mhuwiex aċċettabbli għall-qasam tal-"Hazard classification" [Klassifikazzjoni tal-perikolu] tal-proċess "Create mixture" [Oħloq taħlita]. Informazzjoni dettaljata li tirrigwarda l-klassifikazzjoni tat-taħlita għandha tiddaħħal f'dan il-qasam.

Hekk kif tkun ikkompletajt dan ta' hawn fuq, innaviga lejha it-tab li jmiss.

4.1.3 Sustanzi kimiċi tal-Anness I

F'din it-tab (Figura 4) inti meħtieġ tagħżel is-sustanza kimika (is-sustanzi kimiċi) tal-Anness I u tipprovdi l-konċentrazzjoni tagħha fi ħdan it-taħlita; iż-żewġ oqsma huma obligatorji. Ikklikkja fuq "Add" [Żid] wara li timla l-formola.

F'każ li t-taħlita jkun fiha diversi sustanzi kimiċi tal-Anness I, l-istadji msemmija hawn fuq għandhom jiġu ripetuti għal kull sustanza kimika.



F'każ li inti tixtieq toħloq taħlita li jkun fiha element ta' grupp (eż, ossidu arseniku, CAS 1303-28-2), għandek tagħżel l-iskrizzjoni tal-grupp (eż. Komposti arseniċi) mil-lista li tinżel u speċifika s-sustanza eżatta billi jew tipprovdi n-numru CAS jew in-numru KE.

Figura 4: Tab tas-sustanzi kimiċi tal-Anness I

Summary **Annex I chemicals** SDS

Add the chemical present in the mixture

Please provide the information requested below. You should either select a chemical from the list or enter a valid CAS or EC number.

*Chemical: Amitraz

*CAS number: 33089-61-1

*EC number: 251-375-4

Common name: Amitraz

*Concentration: 15 %

Add



Tista' teditja sustanza kimika li hija parti mill-kompożizzjoni billi tikklikkja fuq l-ikona tal-lapes.



Tista' tħassar sustanza kimika mill-kompożizzjoni billi tikklikkja fuq l-ikona "X" (li tidher biss jekk diversi sustanzi kimiċi tal-Anness I ikunu elenkati fil-kompożizzjoni). Taħlita għandha dejjem ikun fiha għallinqas sustanza kimika waħda sabiex tiżdied waħda ġdida qabel dik eżistenti tkun tista' titħassar.

Ikklikkja fuq "Next section" [Taqsimha li jmiss] u terġa' tiġi dirett lejn it-tab "SDS".

4.1.4 Tab SDS

It-tab SDS (Figura 5) tippermettitek tehmeż Skeda ta' Data ta' Sigurtà waħda jew iktar mat-taħlita tiegħek. Id-dokumenti mehmuża jkunu inklużi awtomatikament fin-notifikazzjoni(jiet) tal-esportazzjoni ppreparata(i) għal din it-taħlita.



Jekk inti ma tehmiżx SDS mat-taħlita tiegħek, ma jkollokx l-opportunità li tagħmel dan waqt li toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal din it-taħlita.

F'każ li jeħtieġ li żżid aktar SDSs mat-taħlita tiegħek fi stadju iktar tard, tista' tagħmel dan billi tuża l-funzjonalità "Manage mixture" [Immaniġġja t-taħlita].

Figura 5: Tab SDS

Summary Annex I chemicals **SDS**

List of documents attached

The following documents have been attached:

Document type	File name ↕
No records found.	

Attach new documents

1. Please select the SDS documents to attach

Safety Data Sheet English \\echa\data\users\u14c Browse...

Safety Data Sheet Please select ... Browse...

Safety Data Sheet Please select ... Browse...

⚠ File name should not contain special characters

📎 Attach more documents ...

2. Please complete the security check below

* Security check: 265mb
Enter the characters shown above
265mb get new code

3. You can now upload the selected documents

Please press the upload button: Upload Reset

Agħżel il-lingwa tad-dokument mill-menu li jinżel u kklikkja fuq "Browse" [Ibbrawżja]. Sib il-fajl fuq il-kompjuter tiegħek mit-tieqa pop-up.

- ! Huwa rakkomandat ħafna li inti ttella' SDS bl-Ingliż, jekk ikun disponibbli, minħabba li dan jiffaċilita l-ipproċessar tan-notifikazzjoni kemm mid-DNA tiegħek kif ukoll mill-ECHA.

Hekk kif tkun hemiżt l-iskedi ta' data ta' sigurtà kollha neċessarji, ttajpja l-kodiċi ta' sigurtà u kklikkja fuq "Upload" [Tella']. Jekk ikun jista' jinqara b'mod faċli, itlob kodiċi ġdid billi tagħfas fuq il-buttuna "get new code" [kodiċi ġdid]. Biex tehmeż l-iskeda(i) ta' data ta' sigurtà mat-taħlita tiegħek, ikklikkja fuq "Upload" [Tella'].

- ! Is-sistema tissostitwixxi kwalunkwe fajl eżistenti fil-każ li inti ttella' fajl ġdid b'lingwa li kienet diġà teżisti qabel.


4.1.5 Buttuni biex Tissejvja u Tagħlaq, Tissejvja u Tikkanċella

Hekk kif tkun imlejt l-informazzjoni kollha meħtieġa, ftakar u ssejvja t-taħlita tiegħek sabiex toħloq rekord ġdid.

- 📁 Save & Close Tissejvja r-rekord, tivvalida li d-data obligatorja kollha hija disponibbli u treġġa' lura lill-utent għall-iskrin prinċipali.

 Save

Tissejvja r-rekord u tivvalida li d-data obligatorja kollha hija disponibbli. F'każ ta' żbalji, l-oqsma inkorretti jidhru bl-aħmar u b'messaġġi li juru żbalji.


 Cancel

Tikkanċella l-iskrizzjonijiet ta' data attwali mingħajr ma tissejvja u terġa' lura għall-paġna prinċipali.

4.1.6 Fittex taħlitiet

Biex tara u teditja t-taħlitiet tiegħek maħluqa qabel, ikklikkja fuq il-link “Manage mixtures” [Immaniġġja t-taħlitiet] (Figura 6) fuq il-menu prinċipali.

Figura 6: Link biex timmaniġġja t-taħlitiet



Biex telenka t-taħlitiet kollha tiegħek, immarka l-kaxxa “Mixture” [Taħlita] u kklikkja fuq “Search” [Fittex] (Figura 7).

Figura 7: L-iskrin biex tfittex it-taħlita/l-oġġett



It-taħlitiet kollha li inti f'loqta huma elenkati fir-riżultati tat-tfittxija (Figura 8).

Figura 8: Riżultati ta' tfittxija

Records found: 2

Mixture / Article name	Type	Alias	Annex I Chemicals and their concentration %
Nonyphenol NP	Mixture	Nonyphenol NP	Nonylphenol ethoxylates (C ₂ H ₄ O) _n C ₁₅ H ₂₄ O (100)
Nonyphenol/Chryphenol	Mixture	Chryphenol, CH	Nonylphenols C ₆ H ₄ (OH)C ₉ H ₁₉ (<70)

Page: 1 of 1 Show: 15

Tista' wkoll tfittex billi tuża l-isem tat-taħlita jew is-sustanza(i) kimika(i) tal-Anness I li jkun fiha. Dan jirriżulta f'lista iqsar u iktar preċiża ta' riżultati. Biex tfittex bl-isem tat-taħlita, daħħal għall-inqas l-ewwel ftit karattri tal-isem tat-taħlita fil-qasam "Name" [Isem] u kklikkja fuq "Search" [Fittex].

Biex tfittex taħlita bis-sustanza kimika tal-Anness I li jkun fiha, agħżel is-sustanza kimika mill-lista li tinżel (Figura 9).

Figura 9: Fittex bl-isem/bis-sustanza kimika tal-Anness I

Search Mixture/Article

Search Criteria

Name: System will match all mixtures/articles starting with these characters

Contains chemical:

- Please select...
- Nonylphenol ethoxylates (C₂H₄O)_nC₁₅H₂₄O
- Nonylphenols C₆H₄(OH)C₉H₁₉
- Mixture Article

Biex tara d-dettalji ta' taħlita, ikklikkja fuq l-isem tat-taħlita, elenkata fil-kolonna "Mixture / Article name" [Taħlita/ Isem tal-Oġġett] tar-riżultati ta' tfittxija.

4.1.7 Editja t-taħlita

Jekk teħtieġ li taġġorna l-informazzjoni relatata mat-taħlita, agħżel "Manage mixtures" [Immaniġġja t-taħlitiet]. Is-sistema tavżak jekk ikun hemm notifikazzjoni mat-taħlita li inti tkun ser teditja, li l-istatus tagħha huwa "draft" [abbozz] jew "pending resubmission" [preżentazzjoni mill-ġdid pendenti]. Kull bidla applikata għat-taħlita qabel il-preżentazzjoni tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni tiġi riflessa b'mod awtomatiku fil-formola ta' notifikazzjoni nfisha.

Ikklikkja fuq il-link "Manage mixtures" [Immaniġġja t-taħlitiet] (Figura 6) fil-menu prinċipali.

Fittex it-taħlita li tixtieq li teditja u kklikkja fuq l-isem tat-taħlita (Figura 10). [Fil-Kapitolu 4.1.6 huma deskritti diversi mezzi biex issib taħlitiet maħluqa qabel.)

Figura 10: Riżultat tat-tfittxija - taħlitiet

Meta inti tiftaħ it-taħlita li tixtieq li teditja, din tinftaħ awtomatikament bħala read-only. Ikklikkja fuq "Edit" [Editja] biex tapplika t-tibdiliet (Figura 11).

Figura 11: Editja t-taħlita

 A screenshot of the "Mixture: Mixture: N" edit form. At the top, there are three buttons: "Edit", "Delete", and "Close". Below these are three tabs: "Summary", "Annex I chemicals", and "SDS". The "Summary" tab is active. The form contains several input fields: "Name:" (with "Mixture: N" entered), "CN code:", "CUS code:", "HS code:", and "Alias:" (with "Mixture: N" entered). Below the "Alias" field is a disclaimer: "Disclaimer: If no alias is provided, the name of the mixture will be published." There is a "Hazard classification (E.G. GHS, WHO, IARC, EU):" field with "Xi, N" entered. At the bottom, there is a "Notes:" field containing "ERROR: the CN code is missing." and "WARNING: the CUS code is missing." A "Next section" button is at the bottom left.

Id-data kollha tista' tiġi modifikata; għajjuna dwar kif timla l-oqsmha tista' ssibha fil-Kapitoli 4.1.2, 4.1.3 u 4.1.4.



Ftakar li t-tibdiliet ma jsirux jekk inti ma tikklikkjax fuq "Save & Close" [Issejvja u Agħlaq] jew "save" [Issejvja.]



Rekord dwar taħlita jista' jitħassar biss jekk ma jkunx għe referenzjat f'notifikazzjoni tal-esportazzjoni jew f'talba RIN speċjali.

4.2 Oġġetti



Notifikazzjonijiet għal oġġetti huma meħtieġa biss f'każ ta' sustanzi kimiċi elenkati fil-parti 2 jew fil-parti 3 tal-Anness I tar-regolament PIC.

4.2.1 Oħloq oġġett ġdid

Biex iżżid oġġett ġdid mal-librerija tiegħek, ikklikkja fuq il-link "Create mixture" [Oħloq taħlita] fil-menu prinċipali (Figura 12).

Figura 12: Funzjonalità biex toħloq oġġett ġdid



Tinfetaħ paġna ġdida bl-intestatura "Article" [Oġġett] (Figura 13). Il-formola tikkonsisti fi tliet taqsimiet bit-tab "Summary" [Sommarju] li jidher awtomatikament.

L-oqsma obligatorji kollha huma mmarkati b' asterisk *.

Figura 13: Skrin biex toħloq oġġett

4.2.2 Tab tas-Sommarju

L-ewwel tab (Figura 13) fiha oqsma biex tiġi iskritta informazzjoni li ttrigwarda l-identifikazzjoni u l-klassifikazzjoni tal-oġġett. L-oqsma li ġejjin huma disponibbli u l-informazzjoni obligatorja hija mmarkata b'asterisk:

- **Isem***: Isem tal-oġġett

- **Kodiċi CUS:** Identifikatur tat-taħlita mill-Inventarju Doganali Ewropew tal-Identifikaturi tas-Sustanzi Kimiċi (jekk disponibbli)
- **Isem addizzjonali:** Għandek il-possibbiltà li tipprovdi isem alternattiv għall-oġġett tiegħek. Jekk tħallih vojta, l-isem reali tal-oġġett jiġi ppubblikat fuq is-sit web tal-ECHA
- **Klassifikazzjoni tal-perikolu*:** Il-klassifikazzjoni tal-perikolu tas-sustanza kimika tal-Anness I użata fl-oġġett tiegħek.

Hekk kif tkun ikkompletajt l-oqsma ta' hawn fuq, innaviga lejn it-tab li jmiss.

4.2.3 Sustanzi kimiċi tal-Anness I

F'din it-tab (Figura 14) inti meħtieġ tagħżel is-sustanza kimika tal-Anness I u tipprovdi l-konċentrazzjoni tagħha fi ħdan l-oġġett. Iż-żewġ oqsma huma obligatorji u ladarba tipprovdi l-informazzjoni meħtieġa, ikklikkja fuq "Add" [Żid].

F'każ li t-taħlita jkun fiha diversi sustanzi kimiċi tal-Anness I, l-istadji msemmija hawn fuq għandhom jiġu ripetuti għal kull sustanza kimika.



F'każ li inti tixtieq toħloq oġġett li jkun fihaelement ta' grupp (eż, ossidu arseniku, CAS 1303-28-2), għandek tagħżel l-iskrizzjoni tal-grupp (eż. Komposti arseniċi) mil-lista li tinżel u tispeċifika s-sustanza eżatta billi jew tipprovdi n-numru CAS jew in-numru KE.

Figura 14: Tab tas-sustanzi kimiċi tal-Anness I

The screenshot shows a web interface with three tabs: 'Summary', 'Annex I chemicals' (selected), and 'SDS'. Below the tabs, there is a heading 'Add the chemical present in the article' and a note: 'Please provide the information requested below. You should either select a chemical from the list or enter a valid CAS or EC number.' The form includes the following fields:

- *Chemical: A dropdown menu with 'Nonylphenol ethoxylates (C2H4O)nC15H24O' selected.
- *CAS number: A text input field containing '68412-54-4'.
- *EC number: A text input field containing '500-209-1'.
- Common name: A text input field containing 'Nonylphenol, branched, ethoxylated belongs to the group Nonylphenol ethoxylates (C2H4O)nC15H24O'.
- *Concentration: A text input field containing '15' followed by a '%' symbol.

An 'Add' button is located at the bottom of the form.



Tista' teditja l-kompożizzjoni billi tikklikkja fuq l-ikona tal-lapes.



Tista' tħassar sustanza kimika mill-kompożizzjoni billi tikklikkja fuq l-ikona "X" (li tidher biss jekk diversi sustanzi kimiċi tal-Anness I ikunu elenkati fil-kompożizzjoni). Oġġett għandu dejjem ikun fih għallinqas sustanza kimika waħda għaldaqstant għandha dejjem tiżied waħda ġdida qabel dik eżistenti tkun tista' titħassar.

Ikklikkja fuq "Next section" [Taqsimha li jmiss] u terġa' tiġi dirett lejn it-tab "SDS".

4.2.4 Tab SDS

It-tab SDS (Figura 15) tippermettitek tehmeż Skeda ta' Data ta' Sigurtà mal-oġġett tiegħek. Id-dokumenti mehmuża ser jiġu inklużi awtomatikament fin-notifikazzjoni(jiet) tal-esportazzjoni ppreparata(i) għal dan l-oġġett.



Jekk inti ma tehmizx SDS mal-oġġett tiegħek, ma jkollokx l-opportunità li tagħmel dan waqt li toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal dan l-oġġett.

F'każ li jeħtieġ li żżid aktar SDSs mal-oġġett tiegħek fi stadju iktar tard, tista' tagħmel dan billi tuża l-funzjonalità "Manage mixture" [Immaniġġja l-oġġett].

Figura 15: Tab SDS

The screenshot shows the 'SDS' tab in a web interface. At the top, there are tabs for 'Summary', 'Annex I chemicals', and 'SDS'. Below this is a section titled 'List of documents attached' with the text 'The following documents have been attached:'. A table with columns 'Document type' and 'File name' is shown, but it contains 'No records found.'. Below this is the 'Attach new documents' section. It starts with the instruction '1. Please select the SDS documents to attach'. There are three rows, each with a dropdown menu for 'Safety Data Sheet', a dropdown for 'English', a text input field for the file name (the first one contains '\\echa\data\users\u14f'), and a 'Browse...' button. A warning icon and text state 'File name should not contain special characters'. Below this is an 'Attach more documents ...' button. The next section is '2. Please complete the security check below'. It features a 'Security check:' label, a CAPTCHA image showing the characters '8bdgg', the instruction 'Enter the characters shown above', a text input field containing '8bdgg', and a 'get new code' button. The final section is '3. You can now upload the selected documents', which contains a red-bordered box with the text 'Please press the upload button:' and two buttons: 'Upload' and 'Reset'.

Agħżel il-lingwa tad-dokument mill-menu wieqaf u kklikkja fuq "Browse" [Ibbrowsja]. Sib il-fajl fuq il-kompjuter tiegħek mit-tieqa pop-up.



Huwa rakkomandat ħafna li inti ttella' SDS bl-Ingliż, jekk ikun disponibbli, minħabba li dan jiffaċilita l-ipproċessar tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni mid-DNA tiegħek u mill-ECHA.

Hekk kif tkun hemiżt l-iskedi ta' data ta' sigurtà kollha neċessarji, ttajpja l-kodiċi ta' sigurtà u kklikkja fuq "Upload" [Tella']. Jekk ma jkunx jista' jinqara b'mod faċli, itlob kodiċi ġdid billi tagħfas fuq il-buttuna "get new code" [kodiċi ġdid]. Biex tehmeż l-iskeda(i) ta' data ta' sigurtà mal-oġġett tiegħek, ikklikkja fuq "Upload" [Tella'].



Is-sistema tissostitwixxi kwalunkwe fajl eżistenti fil-każ li inti ttella' fajl ġdid b'lingwa li kienet diġà teżisti qabel.

4.2.5 Buttuni biex Tissejvja u Tagħlaq, Tissejvja u Tikkanċella


Hekk kif tkun imlejt l-informazzjoni kollha meħtieġa, ftakar u [ssejvja](#) l-oġġett tiegħek sabiex toħloq rekord ġdid.



Tissejvja r-rekord, tivvalida li d-data obligatorja kollha hija disponibbli u treġġa' lura lill-utent għall-iskrin prinċipali.



Tissejvja r-rekord u tivvalida li d-data obligatorja kollha hija disponibbli. F'każ ta' żbalji, l-oqsma inkorretti jidhru bl-aħmar u b'messaġġi li juru żbalji.



Tikkanċella l-iskrizzjonijiet ta' data attwali mingħajr ma tissejvja u terġa' lura għall-paġna prinċipali.

4.2.6 Tfittxija għal oġġetti

Biex tara u teditja l-oġġetti tiegħek maħluqa qabel, ikklikkja fuq "Manage articles" [Immaniġġja l-oġġetti] (Figura 16) il-link fil-menu prinċipali.

Figura 16: Immaniġġja l-link tal-oġġetti



Biex telenka l-oġġetti kollha tiegħek, immarka l-kaxxa "Article" [Oġġett] u kklikkja fuq "Search" [Fittex] (Figura 17).

Figura 17: L-iskrin biex tfittex Taħlita/Oġġett

L-oġġetti kollha li inti ħloqt huma elenkati fir-riżultati tat-tfittxija (Figura 18).

Figura 18: Riżultati ta' tfittxija

Records found: 2

Mixture / Article name ^	Type	Alias	Annex I Chemicals and their concentration %
Article 1	Article		Diazinon (1.5)
Article 2	Article		Ferbam (7.2)

Page: 1 of 1 << 1 >> Show: 15

Tista' wkoll tfittex billi tuża l-isem tal-oġġett jew is-sustanza(i) kimika(kimiċi) tal-Anness I li fiha. Dan jirriżulta f'lista iqsar u iktar preċiża ta' riżultati. Biex tfittex bl-isem tal-oġġett, daħħal għall-inqas l-ewwel ftit karattri tal-isem tal-oġġett fil-qasam "Name" [Isem] u kklikkja fuq "Search" [Fittex].

Biex tfittex oġġett permezz tas-sustanza kimika tal-Anness I li fih, agħżel is-sustanza kimika mil-lista li tinżel u kklikkja fuq "Search" [Fittex] (Figura 19).

Figura 19: Fittex bl-isem/is-sustanza kimika tal-Anness I

Biex tara d-dettalji ta' oġġett, ikklikkja fuq l-isem tal-oġġett, elenkat fil-kolonna "Mixture / Article name" [Taħlita/ Isem tal-Oġġett] tar-riżultati ta' tfittxija.

4.2.7 Editja l-oġġett

Jekk teħtieġ li taġġorna l-informazzjoni dwar l-oġġett(i) maħluq(a) qabel, agħżel "Manage articles" [Immaniġġja l-oġġetti]. Is-sistema tavrak jekk ikun hemm notifikazzjoni mal-oġġett li inti tkun ser teditja, li l-istatus tiegħu huwa "draft" [abbozz] jew "pending resubmission" [preżentazzjoni mill-ġdid pendenti]. Kull tibdil applikat għall-oġġett qabel il-preżentazzjoni tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni jiġi rifless b'mod awtomatiku fil-formola ta' notifikazzjoni nfisha.

Biex tibda, ikklikkja fuq il-link "Manage article" [Immaniġġja l-oġġett] (Figura 16) fil-menu fuq in-naħa tax-xellug.

Fittex l-oġġett li tixtieq teditja u kklikkja fuq l-isem tal-oġġett (Figura 20). [Fil-Kapitolu 4.1.6 huma disponibbli diversi mezzi biex issib oġġetti maħluqa qabel.]

Figura 20: Riżultat tat-tfittxija - oġġetti



Meta inti tiftaħ l-oġġett li tixtieq teditja, dan jinfetaħ awtomatikament bħala read-only. Ikklikkja fuq "Edit" [Editja] biex tapplika t-tibdiliet (Figura 21).

Figura 21: Editja l-oġġett



Id-data kollha tista' tiġi modifikata; sostenn dwar kif timla l-oqsma huwa disponibbli fil-Kapitolu 4.2.2, 4.2.3 u 4.2.4.



Ftakar li t-tibdiliet ma jsirux jekk inti ma tikklikkjax fuq "Save & Close" [Issejvja u Agħlaq] jew "Save" [Issejvja.]




Rekord dwar oġġett jista' jitħassar biss jekk ma jkunx ġie referenzjat f'notifikazzjoni tal-esportazzjoni jew f'talba RIN speċjali.

5. Oħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni

5.1 Notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika

Biex toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika, ikklikkja fuq il-link "Notification for chemical" [Notifikazzjoni għal sustanza kimika] (Figura 22) mill-menu prinċipali.

Figura 22: Oħloq skrin għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika



Tidher paġna ġdida "Export notification for a chemical" [Notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika], li tikkonsisti f'sitt tabs. Tidher żona komuni fin-naħa ta' fuq tal-iskrin (Figura 23) għat-taqsimiet kollha u din tipprovdi d-dettalji tal-pajjiż li jimporta kif ukoll il-buttuni "Save" [Issejvja], "Submit" [Ippreżenta] u "Cancel" [Kkanċella].

"Section 1" [Taqsimi 1] tidher awtomatikament meta tinfetaħ in-Notifikazzjoni tal-Esportazzjoni.



Oqsma obligatorji huma mmarkati b'asterisk * tul il-formola kollha.

Figura 23: Żona komuni

Agħżel il-**pajjiż li jimporta** mil-lista tinżel. (Figura 23)

5.1.1 Taqsimi 1: L-identità tas-sustanza kimika hija soġġetta għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni

L-oqsma li ġejjin huma disponibbli f' "Section 1" [Taqsimi 1]:

Isem komuni: Agħżel is-sustanza kimika tiegħek mil-lista li tinżel li tinkludi s-sustanzi kimiċi kollha tal-Anness I. Dan il-qasam huwa obligatorju sakemm inti ma tipprovdi numru KE jew CAS.



Jekk is-sustanza li għandha tiġi esportata tkun inkluża f'iskrizzjoni ta' grupp, huwa obligatorju li tspecifika numru CAS jew numru KE aktar milli l-iskrizzjoni tal-grupp ġeneriku. Pereżempju, jekk inti tixtieq tesporta l-bromur tal-arseniku (inkluż fil-grupp "Arsenic Compounds" [Komposti tal-Arseniku]), ma tistax tidentifika s-

sustanza bħala Komposti Arseniċi iżda għandek tipprovdi n-numru CAS (64973-06-4) jew in-numru KE (265-296-8).

Hekk kif is-sustanza kimika tkun ġiet identifikata, in-numri tal-kodiċi għat-taqsimiet 1.3.1 - 1.3.4 jimtlew minn qabel mis-sistema (jekk disponibbli). Iż-żona komuni fil-parti ta' fuq tal-formola turi informazzjoni dwar liema parti tal-Anness I dik is-sustanza tappartjeni għaliha (Figura 24).

L-isem tas-sustanza kimika skont nomenklatura rikonoxxuta internazzjonalment (eż. IUPAC): Jekk disponibbli, ipprovdi l-isem tas-sustanza kimika tal-Anness I użata.

Numru CAS u Numru KE: Obbligatorju għal esportazzjonijiet tas-sustanzi kimiċi inklużi f'iskrizzjoni ta' grupp (eż. komposti ta' tributiltin). Jekk is-sistema tirrikonoxxi n-numru CAS jew KE, din timla minn qabel il-qasam "Common name" [Isem komuni].



Meta tipprovdi numru CAS jew KE speċifiku għal sustanza inkluża f'iskrizzjoni ta' grupp, tagħżilx il-grupp ġeneriku mil-lista li tinżel fit-taqsim "Common name" [Isem komuni].

Kodiċi doganali tas-sistema armonizzata: Jekk il-kodiċi HS għas-sustanza kimika esportata ikun disponibbli fis-sistema, din timtela minn qabel. Hija dejjem ir-responsabbiltà tal-esportatur li jivverifika li l-informazzjoni hija aġġornata u li jemendaha jekk neċessarju.

Kodiċi NM: Jekk il-kodiċi NM għas-sustanza kimika esportata ikun disponibbli fis-sistema, din timtela minn qabel. Għandek tkun taf li l-kodiċi NM mhux dejjem jista' jkun disponibbli u l-ECHA ma tistax tiggarrantixxi li dak ipprovdut huwa l-iktar wieħed aġġornat. Hija dejjem ir-responsabbiltà tal-esportatur li jivverifika din l-informazzjoni u li jemendaha jekk neċessarju.

Kodiċi CUS: Il-kodiċi CUS huwa obbligatorju għal sustanzi u taħlitiet li l-kodiċi CUS ġie attribwit għalihom. Il-kodiċi CUS mhux dejjem ser ikun disponibbli u l-ECHA ma tistax tiggarrantixxi li dak ipprovdut huwa l-iktar wieħed aġġornat. Hija dejjem ir-responsabbiltà tal-esportatur li jivverifika din l-informazzjoni u li jemendaha jekk neċessarju.

Figura 24: Taqsima 1

Numri oħra: Jekk inti tixtieq tuża identifikaturi addizzjonali, uża l-ewwel kolonna għas-sistema ta' enumerazzjoni u t-tieni waħda għad-data.

5.1.2 Taqsima 3: Informazzjoni dwar l-esportazzjoni:

Data mistennija tal-ewwel esportazzjoni*: Daħħal id-data mistennija tal-esportazzjoni manwalment jew billi tuża l-kalendarju. Id-data tal-esportazzjoni ma tistax tkun iktar kmieni minn 35 jum mid-data tal-preżentazzjoni tan-notifikazzjoni.

Kaxxa dwar Sitwazzjoni ta' Emerġenza : Għandek timmarkaha jekk l-esportazzjoni tas-sustanza kimika tkun relatata ma' sitwazzjoni ta' emerġenza fejn kwalunkwe dewmien jista' jipperikola s-saħħa pubblika jew l-ambjent. Qasam ta' ġustifikazzjoni obligatorju¹ jsir disponibbli taħt il-kaxxa li timmarka sabiex wieħed jikseb ir-RIN speċjali, li hu meħtieġ għal din it-tip ta' esportazzjoni.

Ammont tas-sustanza/taħlita mistenni fis-sena*: Daħħal l-ammont tas-sustanza kimika mistenni *kull sena* li għandu jiġi esportat u agħżel l-unità (Kg/L) mil-lista li tinżel. Tikka biss (.) tista' tintuża bħala punt deċimali u jitħalla massimu ta' tliet postijiet deċimali wara t-tikka.

Kategorija prevista fil-pajjiż tal-importazzjoni*: Indika l-kategorija tal-użu previst fil-pajjiż li jimporta billi tagħżel il-kaxxa(i) li timmarka rilevanti. Ipprovi l-informazzjoni dwar l-użijiet previsti fil-qasam(fl-oqsma) ta' test liberu.

¹ Tista' tingħata eżenzjoni mill-obbligu li tinnotifika għall-inqas 35 jum qabel id-data mistennija tal-esportazzjoni, fuq talba raġunata tal-esportatur jew tal-Parti tal-importazzjoni jew ta' pajjiż ieħor, fejn l-esportazzjoni tas-sustanza kimika tkun tirrelata għal sitwazzjoni ta' emerġenza li kwalunkwe dewmien għaliha jista' jipperikola s-saħħa pubblika jew l-ambjent fil-Parti tal-importazzjoni jew pajjiż ieħor. L-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 649/2012.



Huwa rrakkomandat li inti tkun preċiż kemm jista' jkun meta tiddeskrivi l-użu intiż, speċjalment jekk ikun meħtieġ kunsens espliċitu għall-esportazzjoni, minħabba li din l-informazzjoni tgħin lill-pajjiż li jimporta d-DNA fit-teħid tad-deċiżjonijiet tagħhom.

L-isem, l-indirizz, it-telefon, il-fax u l-email tal-importatur*: Ikklikkja fuq il-buttuna "+Manage importers" [Immaniġġja l-importaturi] biex tagħżel il-kumpanija(i) li timporta(jimportaw) għal din in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni. L-importatur(i) rilevanti jista' jintagħżel billi timmarka l-kaxxa fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet] (Figura 25). Jekk il-lista tal-kumpaniji li tidher tkun vojta, għandha tiżdied kumpanija ġdida. Aktar informazzjoni dwar kif iżżid kumpanija ġdida hija disponibbli fil-kapitolu 5.1.2.1. Huwa obligatorju li tipprovdi għall-inqas importatur wieħed.

Figura 25: Agħżel l-esportatur

Name	Address	Contact details	Actions
Barbadian Company	Main Street 243 321456 Bridgetown Barbados	Phone : +1246123456 Fax : Email : company@barbados.bb	<input checked="" type="checkbox"/> ✎ ✕
Barbadian Exporter 2	5th Ave. 345 12365 Bridgetown Barbados	Phone : +12463258745 Fax : Email : exporter2@barbados.bb	<input type="checkbox"/> ✎ ✕



Il-buttuna "+Manage importers" [Immaniġġja l-importaturi] hija disponibbli biss wara li l-pajjiż li jimporta jkun intagħżel.



Huwa possibbli li tispeċifika aktar minn importatur wieħed jekk neċessarju. F'dan il-każ, l-importaturi rilevanti kollha għandhom jiżdiedu mal-bażi ta' data u jintagħżlu.



Id-dettalji tal-esportatur huma mimlija minn qabel mill-modulu tal-Kontijiet tal-ECHA. Tista' teditja l-informazzjoni tat-telefon, tal-fax u tal-email jekk tixtieq tirreferi għal persuna speċifika/kuntatt speċifiku f'din in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni (Figura 26). L-indirizz tal-Parti tiegħek jista' jiġi modifikat biss ċentralment (minn utent li jkun ukoll il-ġestitur tal-Kontijiet tal-ECHA) billi tuża l-link disponibbli.

Figura 26: Dettalji tal-esportatur f'PIC elettroniku

3.5 Exporter name, address, telephone, fax and email:

Address : 234324
23423423
2434234
Germany

Phone :

Fax :

Email :

Note: The address of your party can only be modified centrally using the link below (administrator access required).

[Edit Party](#)

5.1.2.1 Il-kodifikazzjoni tad-dettalji ta' kuntatt ta' sieħeb kummerċjali f'PIC elettroniku.

L-imsieħba kummerċjali f'PIC elettroniku jinħażnu f'bażi ta' data speċifika ta' kumpanija. Kemm l-esportaturi kif ukoll l-importaturi jinħażnu flimkien u jinġabru fi gruppi skont il-pajjiż.

Il-lista ta' kumpanija tista' tiġi mmaniġġjata filwaqt li toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni ġdida/ RIN speċjali jew matul ir-reviżjoni tar-rapport annwali tal-Artikolu 10. Il-bażi ta' data jista' jkollok aċċess għaliha b'mezzi differenti:


- Notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni: l-esportaturi jista' jkollok aċċess għalihom billi tuża

I-buttuna "Manage Importers" [Immaniġġja l-Importaturi] fit-taqsimha 3.4.

- Talbiet speċjali RIN: l-esportaturi jista' jkolluk aċċess għalihom billi tuża l-buttuna "Manage Importers" [Immaniġġja l-Importaturi] fit-tab "Export Information" [Informazzjoni dwar l-Esportazzjoni].
- Rapport tal-Artikolu 10: Ikklikkja fuq l-ikona tal-lapes fil-kolonna Esportaturi/Importaturi.

Hekk kif l-utent ikun fit-taqsimha dedikata tal-PIC elettroniku (Figura 27), is-sistema turi l-lista ta' msieħba kummerċjali fil-pajjiż li għalih hija ndirizzata n-notifikazzjoni tal-esportazzjoni/ RIN speċjali. Jekk il-lista tkun vojta jew ma tkunx tinkludi s-sieħeb kummerċjali rilevanti, l-utent jista' jżid rekord ġdid tal-kumpanija billi juża l-buttuna "+ New company" [Kumpanija ġdida] (Figura 28).

Figura 27: Immaniġġja l-Imsieħba Kummerċjali




List of companies : Barbados
The following companies have been defined for the selected country:

Name	Address	Contact details	Actions
Barbadian Company	Main Street 243 321456 Bridgetown Barbados	Phone : +1246123456 Fax : Email : company@barbados.bb	<input checked="" type="checkbox"/> ✎ ✕
Barbadian Exporter 2	5th Ave. 345 12365 Bridgetown Barbados	Phone : +12463258745 Fax : Email : exporter2@barbados.bb	<input type="checkbox"/> ✎ ✕

Please add at least one company before continue editing.

Figura 28: Żid Sieħeb Kummerċjali Ġdid



Tiġi tidher formola pop-up, fejn id-dettalji ta' kuntatt ta-sieħeb kummerċjali għandhom jiddaħħlu. Uża l-buttuna "Save" [Issejvja] biex taħżen id-dettalji fil-bażi ta' data.

Figura 29: II-kodifikazzjoni ta' Sieħeb Kummerċjali Ġdid

Company Details

Name :*

Address details

Street line 1 :*

Street line 2 :

Postal code :

Town/City :*

Country : Barbados

Contact details

Telephone :

Fax :

Email :

Save Cancel

Immaniġġja d-dettalji ta' kuntatt billi tikklikkja fuq l-ikona tal-lapes fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet]. Biex iħassar dettalji ta' kuntatt, l-utent għandu jikklikkja fuq l-ikona "X" fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet].

5.1.3 Taqsima 4: Informazzjoni dwar perikoli u/jew riskji tas-sustanza kimika u miżuri ta' prekawzjoni

Meta timla t-taqsima 4, għandek żewġ possibbiltajiet:

- Jekk ikollok l-intenzjoni li tehmeż Skeda ta' Data ta' Sigurtà man-notifikazzjoni tal-esportazzjoni, li timla l-oqsma 4.1 - 4.4 mhuwiex obligatorju. Immarka l-kaxxa "I will attach a copy of the safety data sheet that covers the information required below in section attachments" [Jiena ser nehmeż kopja tal-iskeda ta' data ta' sigurtà li tkopri l-informazzjoni meħtieġa hawn taħt f'annessi tat-taqsima]; It-Taqsima 4.5 timtela awtomatikament bi "Safety Data Sheet" [Skeda ta' Data ta' Sigurtà] u t-taqsimiet 4.1 - 4.4 ma jibqgħux obligatorji.
- F'każ li SDS ma tkunx mehmuża man-notifikazzjoni tal-esportazzjoni, it-taqsimiet 4.1 - 4.4 għandhom jimtlew bl-informazzjoni tal-perikolu u tal-ġestjoni tar-riskju, rilevanti. (It-Taqsimiet 4.1 - 4.4 huma oqsma obligatorji u 4.5 mhuwiex obligatorju)

Figura 30: Taqsima 4

INFORMATION ON HAZARDS AND/OR RISKS OF THE CHEMICAL AND PRECAUTIONARY MEASURES

Please provide information requested below or attach a copy of the safety data sheet that covers the information required in section attachments.

I will attach a copy of the safety data sheet that covers the information required below in section attachments.

4.1 Hazard classification (E.G. GHS, WHO, IARC, EU):

4.2 Information on hazards and/or risks:

4.3 Information on precautionary measures to reduce exposure to and mission of the chemical:

4.4 Further information that may be useful to the importing country or which has been requested by it, e.g. on relevant impurities:

4.5 Reference (e.g safety data sheet): *

Safety data sheet

5.1.4 Taqsima 5: Informazzjoni dwar il-karatteristiċi fiżikokimiċi, tossikoloġiċi u ekotossikoloġiċi tas-sustanza kimika

Ir-rekwiżiti tad-data għat-taqsima 5 jiddependu minn jekk inti tehmizx SDS man-notifikazzjoni tal-esportazzjoni tiegħek (bħal għat-taqsima 4). Jekk inti ma tehmizx SDS, il-qasam 5.1 isir obbligatorju.

Jekk inti ddikjarajt fit-taqsima 4 li ser tipprovdi SDS, il-qasam 5.2 huwa obbligatorju u jimtela minn qabel b' "Safety Data sheet" [Skeda ta' data ta' sigurtà] bħala l-valur awtomatiku (Figura 31).

Figura 31: Oqsma obbligatorji fit-taqsima 5

INFORMATION ON PHYSICO-CHEMICAL TOXICOLOGICAL AND ECOTOXICOLOGICAL PROPERTIES OF THE CHEMICAL

Please provide information requested below or attach a copy of the safety data sheet that covers the information required in section attachments.

5.1 Summary Information:

5.2 Reference : *

Safety data sheet

5.1.5 Taqsima 6: Informazzjoni fil-qosor dwar azzjoni regolatorja finali meħuda mill-pajjiż tal-esportazzjoni

Sommarju ta' u raġunijiet għall-azzjoni regolatorja finali u d-data ta' dħul fis-seħħ*:

Ipprovi s-sommarju ta' restrizzjonijiet regolatorji u r-raġunijiet għalihom. Alternattivament, tista' tuża l-informazzjoni fil-PIC elettroniku, billi jew tikklikkja fuq il-buttuna Inġliż, Franċiż jew Spanjol, skont ir-rekwiżit tal-lingwa fil-pajjiż li jimporta (Figura 32). Jekk din l-informazzjoni ma tkunx għadha għet disponibbli fil-PIC elettroniku, il-buttuna ma tkunx attiva u inti għandek tfittex l-assistenza mid-DNA tiegħek.



Jekk l-informazzjoni regolatorja tkun disponibbli biss bl-Inġliż, tista' tintuża irrispettivament mir-rekwiżit tal-lingwa fil-pajjiż tal-importazzjoni.

Figura 32: Azzjoni regolatorja finali

Wara li tkun għażilt il-lingwa xierqa għall-informazzjoni regolatorja, tieqa pop-up turi t-test legali. Ikklikkja fuq il-buttuna "Update" [Aġġorna] u t-test jiġi kkupjat fil-qasam 6.1.

Ittieħdet l-azzjoni regolatorja finali għall-kategorija*: Dawn il-kaxxi li timmarka jindikaw jekk ir-restrizzjoni regolatorja fi ħdan l-UE kinitx introdotta għall-kategorija tal-użu s-sustanza kimika industrijali jew tal-pestiċidi. L-informazzjoni timtela' minn qabel fuq il-bażi tas-sustanza kimika magħżula.

Użijiet ipprojbti / Użijiet permessi: Għall-inqas wieħed mill-oqsma ta' test liberu għandu jimtela bl-informazzjoni rilevanti (massimu ta' 500 karattru).

Prodotti / Importati / Esportati / Użati : Ipprovi stima, meta disponibbli, tal-kwantitajiet fis-sena għas-sustanza kimika soġġetta għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni.

Referenza għad-dokument regolatorju: Ipprovi referenza għal kwalunkwe dokument regolatorju li huwa rilevanti għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni.

5.1.6 Dokumenti Mehmuża

Tista' tuża "Attach new documents" [Ehmeż dokumenti ġodda] biex ittella' l-SDS jew dokumenti rilevanti oħra ta' sostenn.

Agħżel it-tip ta' dokument fl-ewwel kolonna imbagħad agħżel il-lingwa mil-lista li tinżel u kklikkja "Browse" [Ibbrawżja]. Tista' tibbrawżja l-fajl mit-tieqa pop-up.

Is-sistema tippermetti l-possibbiltà biex ittella' sa tliet dokumenti awtomatikament. Jekk inti teħtieġ aktar, uża l-buttuna "Attach more documents ..." [Ehmeż iktar dokumenti].





Hekk kif tkun għażilt id-dokument(i) li tixtieq ittella', ittajpja l-kodiċi ta' sigurtà u kklikkja fuq "Upload" [Tella']. Jekk ma jkunx jista' jinqara b'mod faċli, itlob kodiċi ġdid billi tagħfas fuq il-

buttuna "get new code" [kodiċi ġdid]. Biex tehmeż id-dokument(i) man-notifikazzjoni tiegħek, ikklikkja fuq "Upload" [Tella'].

- ❗ Huwa rakkomandat ħafna li inti ttella' SDS bl-Ingliż, jekk tkun disponibbli, minħabba li dan jiffaċilita l-ipproċessar tan-notifikazzjoni tiegħek mid-DNA u mill-ECHA.
- ❗ Is-sistema tissostitwixxi kwalunkwe fajl eżistenti fil-każ li inti ttella' fajl ġdid b'lingwa li kienet diġà teżisti qabel.

5.1.7 Buttuni Issejvja u Agħlaq, Issevja, Ippreżenta u Ikkanċella

Hekk kif tkun ipprovdejt l-informazzjoni kollha meħtieġa, il-possibbiltajiet li ġejjin huma disponibbli fin-naħa ta' fuq tan-notifikazzjoni.

- | | |
|-------------------------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|
|  | Tissejvja r-rekord u tivvalida li l-oqsma obligatorji kollha mtlew. Fil-każ ta' żbalji, oqsma inkorretti huma enfasizzati bl-aħmar b'messaġġi ta' żbalji. |
|  | Tissejvja r-rekord, tivvalida li l-oqsma obligatorji kollha mtlew u treġġa' lura lill-utent għall-iskrin prinċipali. |
|  | Tissejvja r-rekord, tivvalida l-oqsma obligatorji kollha u tipproċedi lejn il-paġna tal-preżentazzjoni. |
|  | Tikkanċella l-iskrizzjonijiet ta' data attwali mingħajr ma tissejvja u terġa' lura għall-paġna prinċipali. |


5.2 Notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni għal taħlitiet / oġġetti

Sabiex toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal taħlita / oġġett, jeħtieġ li toħloq l-ewwel it-taħlita / l-oġġett tiegħek. Ara l-kapitolu 4, *Oħloq u Mmaniġġja Taħlitiet/Oġġetti*. L-informazzjoni pprovduta fit-taħlita/ l-oġġett tiegħek tiġi riflessa awtomatikament fl-oqsma rilevanti tal-formola tan-notifikazzjoni.

- ❗ Li toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal taħlita jew għal oġġett huwa simili ħafna għal li toħloq waħda għal sustanza kimika. F'dan il-kapitolu ser nenfasizzaw id-differenzi.

Biex toħloq notifikazzjoni, agħżel "Notification for mixture" [Notifikazzjoni għal taħlita] jew "Notification for article" [Notifikazzjoni għal oġġett] (Figura 33) mill-menu prinċipali.

Figura 33: Oħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal taħlita



Il-formola tikkonsisti f'sitt tabs u żona komuni fin-naħa ta' fuq u tipprovdi d-dettalji tal-pajjiż li jimporta kif ukoll il-buttuni "Save" [Issejvja], "Submit" [Ippreżenta] u "Cancel" [Ikkanċella].

It-taqsimu 2 tidher awtomatikament u t-taqsimiet 3-6 huma l-istess b'hal fin-notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika (ara l-Kapitolu 5.1 għal dettalji).



Oqsma obligatorji tul il-formola huma mmarkati b'asterisk *.

Ibda imla n-notifikazzjoni tiegħek billi tagħżel il-**pajjiż li jimporta** mil-lista li tinżel fiż-żona komuni.

5.2.1 Taqsima 2: Identità tat-taħlita / l-oġġett li għandu jiġi esportat

Agħżel it-taħlita/ l-oġġett tiegħek mil-lista li tinżel, li tinkludi t-taħlitiet/ l-oġġetti kollha li inti żidt mas-sistema.

L-oqsma 2.2 - 2.4 u t-tabella dwar "Concentration and information of substance(s)" [Konċentrazzjoni u informazzjoni tas-sustanza(i)] huma mimlija minn qabel mis-sistema hekk kif inti tkun għażilt it-taħlita/ l-oġġett tiegħek.

5.2.2 Dokumenti Mehmuża

It-tabella ("List of documents attached") [Lista ta' dokumenti mehmuża] turi d-dokumenti kollha, inklużi l-SDS imtella' għat-taħlita/ l-oġġett tiegħek, b'dik bl-Ingliż (jekk tkun disponibbli) magħżula minn qabel b'mod awtomatiku. Inti tista' tagħżel verżjonijiet lingwistiċi addizzjonali tal-SDS billi tagħżel il-kaxxa(i) li timmarka fil-kolonna tal-Azzjoni.

Jekk verżjoni lingwistika tkun nieqsa, jew il-fajl eżistenti ma jkunx aġġornat, inti tista' żid l-SDS (jew tissostitwixxi dak eżistenti) billi teditja t-taħlita/ l-oġġett fit-taqsimiet "Manage mixtures" [Immaniġġja t-taħlitiet] jew "Manage articles ["Immaniġġja Oġġetti"] tal-PIC elettroniku.



Il-bidliet kollha għandhom jiġu ssejvjati qabel ma tinnaviga lil hinn mill-paġna.

Meta inti tirritorna għall-abbozz tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni wara li taġġorna t-taħlita/ l-oġġett tiegħek, is-sistema awtomatikament riprovdi d-data l-iktar riċenti iskritta, inklużi d-dokumenti mehmuża.

Tista' ttella' dokumenti addizzjonali (ta' xort'oħra minn SDS) mit-tab tad-Dokumenti Mehmuża billi tagħżel it-tip ta' dokument, il-lingwa u tibbrawżja għall-fajl li għandek tehmeż.

Ittappja l-kodiċi ta' sigurtà jew, jekk il-kodiċi ma jkunx jista' jinqara faċilment, itlob wieħed ġdid u agħfas il-buttuna "Upload" [Tella'].



Huwa rakkomandat li inti tehmeż SDS bl-Ingliż mat-taħlita/ l-oġġett, jekk disponibbli.

6. Ippreżenta notifikkazzjoni dwar l-esportazzjoni

Ikklikkja fuq il-buttuna l-ħadra "Submit" [Ippreżenta] fiż-żona komuni fin-naħa ta' fuq tal-formola (Figura 34).

Figura 34: Ippreżenta notifikkazzjoni dwar l-esportazzjoni


6.1 Abbozz ta' notifikkazzjoni mingħajr żbalji

Tiġi tidher paġna ta' konferma jekk ma jkunx hemm ebda żbalji fil-formola tan-notifikkazzjoni tal-esportazzjoni. Din tiġbor fil-qosor id-data kollha pprovduta inklużi d-dokumenti mehmuża. Ir-RIN korrispondenti u n-numru tal-verżjoni tan-notifikkazzjoni huma disponibbli fin-naħa ta' fuq tal-iskrin.

Jekk teħtieġ li tikkoreġi xi informazzjoni fin-notifikkazzjoni tiegħek, ikklikkja fuq "Continue editing" [Kompli editja] u inti tirritorna għall-formola ta' notifikkazzjoni tal-esportazzjoni fejn tista' teditja. Agħfas "Submit" [Ippreżenta] u tiġi tidher il-paġna ta' konferma aġġornata.

Jekk inti tixtieq tibgħat messaġġ lid-DNA tiegħek dwar in-notifikkazzjoni li wasalt biex tippreżenta uża l-kaxxa tal-messaġġi fin-naħa t'isfel tal-paġna ta' sommarju (massimu 500 karattru).

Ikklikkja fuq "Submit notification to DNA" [Ippreżenta notifikkazzjoni lid-DNA] biex tippreżenta n-notifikkazzjoni tiegħek u inti terġa' tinnaviga lejn il-paġna ta' preżentazzjoni b'suċċess (Figura 35).

Figura 35: Skrin ta' preżentazzjoni b'suċċess

6.2 Abbozz ta' notifikazzjoni mhux komplet

F'każ ta' żbalji fil-formola ta' notifikazzjoni, it-taqsimiet u l-oqsma inkorretti jiġu jidhru bl-aħmar b'messaġġ(i) ta' żball speċifiku(speċifiċi) (Figura 36).



L-oqsma fin-notifikazzjoni tal-esportazzjoni mhumiex ikkontrollati awtomatikament bit-tibdil tat-tabs. PIC elettroniku jerġa' jikkontrolla l-kontenut tal-oqsma meta inti tikklikkja fuq "Save" [Issejvja], "Save & Close" [Issejvja u Agħlaq] jew "Submit" [Ippreżenta]. Kwalunkwe qasam korrett għaldaqstant juri l-messaġġ ta' żball sakemm terġa' ssir il-validazzjoni mill-ġdid.

Figura 36: Żbalji li jidhru f'notifikazzjoni mhux kompleta

Export notification for a chemical: 1K048GN5A3 (version1)

Save Save & Close Submit Cancel

✓ SUĊĊESS - Notification last saved on 31/07/2014 13:39.

ERRORS - Incomplete notification, errors found in the following sections: Section 3

Please start the notification process by filling all the required information
* denotes required fields

* Importing country: Andorra

Common name: Acephate (Part 2 of Annex I)

Section 1 **Section 3** Section 4 Section 5 Section 6 Attachments

INFORMATION CONCERNING THE EXPORT

Please provide information requested below.

3.1 Expected date of first export (dd.mm.yyyy) : *

15/10/2014

Emergency Situation (in accordance with Article 8(5))

3.2 Expected yearly amount of the substance/mixture (kg/l per year) : *

Please use a dot (.) only as a decimal point and no other characters separating your figure eg. 10000 for ten thousand (NOT 10.000)

125 please select unit **This field is mandatory and must be filled in.**

3.3 Foreseen category in importing country : *

Industrial chemical

Pesticide

Hekk kif tkun ikkoreġejt l-iżbalji fil-formola, agħfas "Submit" [Ippreżenta] u tiġi tidher il-paġna ta' konferma (Figura 35).

7. Ippreżenta mill-ġdid in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni

Notifikazzjoni ppreżentata tista' tintbagħat lura lill-esportatur għal korrezzjonijiet jekk id-DNA jew l-ECHA jidentifikaw informazzjoni mhux korretta/ nieqsa jew jekk l-SDS ma tkunx waħda xierqa. L-istatus tan-notifikazzjoni f'dan il-każ ikun "Pending resubmission" [preżentazzjoni mill-ġdid pendenti].

Jista' jkollok aċċess għal dawn in-notifikazzjonijiet mill-menu "Search & View" [Fittex u Ara] jew mill-maduma "Notifications pending resubmission" [Notifikazzjonijiet ta' preżentazzjoni mill-ġdid pendenti] fil-paġna prinċipali (Figura 37).











Figura 37: Notifikazzjonijiet ta' preżentazzjoni mill-ġdid pendenti

7.1 L-aċċess għal messaġġi marbuta ma' notifikazzjoni tal-esportazzjoni

Meta awtorità (DNA jew ECHA) titlob aktar modifikazzjonijiet għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni dawn dejjem ikunu jinkludu messaġġ li jiddeskrivi n-nuqqasijiet tan-notifikazzjoni Jista' jkollok aċċess għal dan il-messaġġ minn żewġ postijiet:


- Ikklikkja fuq l-ikona tal-messaġġ taħt il-kolonna tal-Azzjonijiet fil-lista tar-riżultati tat-Tfittxija (Figura 38), wara li tiffiltra għal notifikazzjonijiet "Pending resubmission" [preżentazzjoni mill-ġdid pendenti].

Figura 38: Il-kolonna tal-azzjonijiet turi l-preżenza ta' messaġġ mill-awtoritajiet

Status	Actions
Pending resubmission	 
Pending resubmission	 
Pending resubmission	  View message history
Pending resubmission	 
Pending resubmission	 

- Iftaħ in-notifikazzjoni u aċċessa l-messaġġi billi tagħżel "Message history" [L-istorja tal-Messaġġi] (Figura 39) mill-menu li jinżel "View" [Ara].

Figura 39: Ara l-possibbiltà tal-istorja tal-messaġġi



7.2 Preżentazzjoni mill-ġdid tan-notifikazzjoni


Wara li tiffiltra għan-notifikazzjonijiet "Pending resubmission" [preżentazzjoni mill-ġdid pendenti] fit-taqsimha "Search & View" [Tfittxija u Dehra], ikklikkja fuq RIN u n-notifikazzjoni tinfetaħ bil-possibbiltà li teditjaha. Agħmel il-korrezzjonijiet neċessarji u erġa' ppreżenta kif deskritt fil-Kapitolu 5.1, "Notifikazzjoni tal-esportazzjoni għal sustanza kimika".

7.3 It-tneħħija ta' notifikazzjoni tal-esportazzjoni 'pendenti' mil-lista tal-kompiti

F'każ li jkun hemm ħtieġa għal bidliet sostanzjali għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni (eż. jekk is-sustanza kimika referenzjata għandha tinbidel), tkun meħtieġa notifikazzjoni ġdida.

In-notifikazzjoni oriġinali għaldaqstant tibqa' fil-lista tal-kompiti tiegħek sakemm inti 'taħbiha'. Biex taħbi notifikazzjoni, iftaħha mill-paġna prinċipali mill-maduma "Notifications pending resubmission" [Notifikazzjonijiet ta' preżentazzjoni mill-ġdid pendenti] u kklikkja fuq ir-RIN tagħha. Agħżel "Hide notification" [Aħbi n-notifikazzjoni] mill-menu li jinżel "Actions" [Azzjonijiet] fir-rokna fuq fin-naħa tal-lemin (Figura 40).

Figura 40: Aħbi notifikazzjoni tal-esportazzjoni pendenti




Mhuwiex possibbli li notifikazzjoni dwar l-esportazzjoni "ma tibqax tidher moħbija" wara li tkun inħbiet.

8. Notifikazzjoni doppja

In-notifikazzjonijiet kollha tal-esportazzjoni jistgħu jiġu duplikati (eż. jekk teħtieġ li terġa' tippreżenta l-istess notifikazzjoni bħal f'sena (fi snin) preċedenti, irrISPETTIVAMENT tal-istatus finali tagħhom.

It-tfittxija għan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni billi tagħżel "Search & View" [Fittex u Ara] (Figura 41) mill-menu prinċipali.

Figura 41: Fittex u Ara n-notifikazzjoni tal-esportazzjoni



Wettaq it-tfittxija tiegħek bil-kriterji rilevanti (eż. RIN / Sustanza Kimika / Pajjiż tal-Importazzjoni) u kklikkja fuq ir-RIN tan-notifikazzjoni li inti tixtieq tirdoppja (Figura 42).


Figura 42: Ara n-Notifikazzjoni

 A search interface showing a table of 39 records. At the top, there is a search bar with 'Search' and 'Clear' buttons. Below the search bar, it says 'Records found: 39'. The table has three columns: 'RIN', 'Name', and 'Importing country'. The first row is highlighted, and a tooltip 'View notification for Acephate' is visible over the RIN value '1K048GN5A3'.

RIN	Name	Importing country
1K048GN5A3	Acephate	Andorra
	Phenol, 4-nonyl-, branched	Arġentina
	Phenol, 4-nonyl-, branched	Egypt
	4-Nonylphenol, branched, ethoxylated	Guatemala
	Phenol, 4-nonyl-, branched	Arġentina
	Phenol, 4-nonyl-, branched	Turkey


Inti tiftaħ in-notifikazzjoni bħala read-only. Agħżel "Creat duplicate (new)" [Oħloq duplikat (ġdid)] mill-menu li jinżel "Actions" [Azzjonijiet] disponibbli fit-taqsimha tal-lemin fin-naħa ta' fuq tal-paġna (Figura 43).

Figura 43: Menu tal-azzjonijiet



Twissija tfakkrek tivverifika d-data li tinsab fin-notifikazzjoni (Figura 44).

Figura 44: Twissija ta' Notifikazzjoni doppja



Biex tipproċedi, għandek taċċetta l-messaġġ billi tikklikkja fuq "OK".

Is-sistema toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni ġdida bbażata fuq id-data f'dik oriġinali. Madankollu, it-Taqsimiet 3.1 (Data mistennija tal-esportazzjoni) u 6.2 (L-azzjoni regolatorja finali) huma vojta u jidhru bl-aħmar. Dawn l-oqsma għandhom jimtlew manwalment (ara l-Kapitolu 5.1.2 u 5.1.5 għal gwida). Għandek tivverifika wkoll li d-dettalji tal-importatur u l-ammont mistenni (li huma kkupjati min-notifikazzjoni oriġinali) xorta għandhom applikabbli. Jekk le, tista' teditjahom. Hekk kif l-informazzjoni meħtieġa tkun ġiet ipprovduta/ editjata tista' tippreżenta n-notifikazzjoni billi tikklikkja fuq il-buttuna l-ħadra "Submit" [Ippreżenta] fit-taqsimi ta' fuq.

9. RIN Speċjali

9.1 Oħloq talba speċjali RIN

Jekk inti tixtieq tesporta:

- sustanza kimika tal-Anness I jew tal-Anness V għal riċerka u analiżi fi kwantitajiet ta' 10kg jew inqas, kull sena u għal kull pajjiż li jimporta;
- sustanza kimika elenkata fl-Anness I parti 3 u deċiżjoni tal-importazzjoni pożittiva hija ppubblikata fl-aħħar ċirkolari PIC;
- jekk il-pajjiż li jimporta jkun irrinunzja għad-dritt tiegħu li jirċievi notifikazzjoni dwar l-esportazzjoni għal din is-sustanza kimika/ dawn is-sustanzi kimiċi kollha.

RIN speċjali huwa meħtieġ għal skopijiet amministrattivi.

Ladarba approvat mid-DNA tiegħek, RIN speċjali jippermetti l-esportazzjoni tipproċedi mid-dwana mingħajr ma jeħtieġ notifikazzjoni sħiħa tal-esportazzjoni.

Biex toħloq talba RIN speċjali, ikklikkja fuq "Request for chemical/mixture/article" [Talba għal sustanza kimika/taħlita/oġġett] (skont il-ħtieġa tiegħek) fit-taqsimha Talba Speċjali RIN tal-menu prinċipali.

9.1.1 Informazzjoni dwar l-esportazzjoni

L-oqsma obligatorji kollha huma mmarkati b'asterisk (*).

II-Pajjiż tal-importazzjoni*: Agħżel il-pajjiż li jimporta mil-lista li tinżel.

Sustanza kimika li għandha tiġi esportata*: F'każ li l-esportazzjoni intiża hija għal sustanza waħda elenkata fl-Anness I, agħżel is-sustanza kimika rilevanti mil-lista li tinżel. Jekk l-esportazzjoni hija għal sustanza li hija inkluża f'iskrizzjoni ta' grupp, għandek tispeċifika n-numru CAS tas-sustanza fil-qasam dedikat.



Jekk it-talba RIN speċjali tiegħek hija għal taħlita jew għal oġġett, il-lista li tinżel ikun fiha t-taħlitiet/ l-oġġetti li inti ħloqt.

CAS #: Jekk inti għażilt sustanza kimika mil-lista li tinżel, dan il-qasam jimtela minn qabel u ma jistax jiġi editjat. Jekk is-sustanza kimika tkun inkluża f'iskrizzjoni ta' grupp, għandek tispeċifika n-numru CAS tagħha f'dan il-qasam. Jekk in-numru CAS ikun rikonoxxut mill-PIC elettroniku l-oqsma fit-taqsimha dwar "Chemical information" [Informazzjoni kimika] jimtlew awtomatikament. Jekk is-sistema ma tirrikonoxxix in-numru CAS, għandek tikkuntattja lill-Uffiċċju tal-Informazzjoni tal-ECHA.

Kodiċi CUS: Ipprovi l-kodiċi CUS għas-sustanza kimika jew għat-taħlita. Il-kompletazzjoni tal-kodiċi CUS hija obligatorja għas-sustanzi u t-taħlitiet kollha li l-kodiċi CUS ġie attribwit għalihom.

Data ta' esportazzjoni mistennija*: Agħżel id-data intiża tal-esportazzjoni mill-kalendarju.

Użu intiż*: Agħżel il-kategorija tal-użu intiż għas-sustanza kimika fil-pajjiż tal-importazzjoni.

Detalji dwar l-użu intiż*: Jekk disponibbli, ipprovi dettalji addizzjonali dwar l-użu intiż fil-pajjiż tal-importazzjoni.

Ammont mistenni (kull sena)*: Agħżel l-unità (kg/l) u daħħal l-ammont mistenni li jkun

esportat.

L-isem, l-indirizz, it-telefon, il-fax u l-email tal-importatur*: Ipprovi l-isem, l-indirizz u d-dettalji ta' kuntatt tal-importatur. Biex iddaħħal id-dettalji ta' kuntatt tal-importatur, ikklikkja fuq il-buttuna "Add importer" [Żid importatur], żid l-informazzjoni u ssejvja.



Jekk qiegħed tesporta l-istess sustanza taħt l-istess RIN speċjali lil diversi importaturi fi ħdan l-istess pajjiż, l-istadji ta' hawn fuq jistgħu jiġu ripetuti jekk inti tixtieq tinkludi l-importaturi kollha fit-talba tiegħek.



Id-dettalji tal-esportatur huma mimlija minn qabel mill-modulu tal-Kontijiet tal-ECHA. Tista' teditja l-informazzjoni tat-telefon, tal-fax u tal-email jekk tixtieq tirreferi għal persuna speċifika/kuntatt speċifiku għal din it-talba speċjali RIN. L-indirizz tal-Parti tiegħek jista' jiġi modifikat biss ċentralment (minn utent li jkun ukoll il-ġestitur tal-Kontijiet tal-ECHA) billi tuża l-link disponibbli.

Hekk kif tkun imlejt l-oqsma kollha neċessarji kklikkja fuq il-buttuna "Next section" [Taqsimha li jmiss].

9.1.2 Dokumenti Mehmuża

Ehmeż dokumenti ta' sostenn rilevanti billi tuża din it-tab. Agħżel il-lingwa tad-dokument, imbagħad ikklikkja fuq "Browse" [Ibbrawżja] biex talloka l-fajl fuq il-kompjuter tiegħek.

Ittajpja l-kodiċi ta' sigurtà jew, jekk il-kodiċi ma jkunx jista' jinqara faċilment, itlob wieħed ġdid u agħfas il-buttuna "Upload" [Tella'].

Hekk kif il-qasam meħtieġa kollha jkunu mtlew u kull dokument rilevanti jiġi mehmuż, ikklikkja fuq "Submit" [Ippreżenta] biex tressaq it-talba lid-DNA tiegħek.

9.1.3 RINs speċjali għal esportazzjonijiet minbarra għal skopijiet ta' riċerka jew analiżi

Talbiet speċjali RIN jintużaw ukoll fix-xenarji li ġejjin:

- Pajjiż li jimporta jkun irrinunzja għad-dritt li jirċievi notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni jew għal sustanza kimika speċifika (esportata bħala sustanza jew inkluża f'taħlita / oġġett) jew għal kollox. Din l-informazzjoni hija pprovduta lilek fit-taqsimha "Importing country info" [Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta] ta' PIC elettroniku.
- Is-sustanza kimika esportata (esportata bħala sustanza jew inkluża f'taħlita/ oġġett) hija elenkata fil-parti 1 u fil-parti 3 tal-Anness I għar-Regolament PIC u l-pajjiż li jimporta jkun parti mill-Konvenzjoni ta' Rotterdam U jkun ipprova tweġiba tal-importazzjoni pożittiva fl-aħħar ċirkolari PIC.

F'każ illi l-esportazzjoni tkun koperta minn wieħed mix-xenarji msemmija hawn fuq, meta jkun ippreżentat (wara li tkun irrevedejt l-informazzjoni kollha iskritta) jkollok tagħmel dikjarazzjoni fil-qiegħ tal-paġna ta' konferma.

Għax-xenarju "A", l-utent ikollu biss possibbiltà waħda biex jagħżel, filwaqt li għax-xenarju "B" l-utent ikollu jagħżel id-dikjarazzjoni rilevanti minn żewġ dikjarazzjonijiet disponibbli (Figura 45).

Figura 45: Dikjarazzjoni dwar l-applikabbiltà ta' Talba Speċjali RIN

I declare the following:

I have checked the import responses in the latest PIC Circular and verified that the importing country has provided a positive import response (Art. 8 (6) first sub-paragraph).

I have checked the importing country info list in ePIC and have verified that the importing country has waived the requirement for an export notification (Art. 8(6) third sub-paragraph).

[← Continue editing](#) [✓ Submit to DNA](#)



Il-proċedura ta' dikjarazzjoni hija applikabbli biss fil-każ li l-użu intiż huwa "Research and analysis" [Riċerka u analiżi] bi kwantitajiet stmati oġġla minn 10 kg/l jew l-użu intiż huwa differenti minn "Research and analysis" [Riċerka u analiżi].

9.2 Talba speċjali RIN bil-Massa

Din l-estensjoni għat-talba speċjali RIN hija disponibbli għall-każijiet li ġejjin:

- massa (numru kbir) ta' sustanzi kimiċi li għandhom jiġu esportati lejn pajjiż wieħed jew diversi pajjiżi
- sustanza kimika waħda għandha tkun esportata lejn diversi pajjiżi

L-esportazzjonijiet kollha għandhom jissodisfaw individwalment il-kondizzjonijiet għal talba speċjali RIN. Għalkemm inti tagħmel preżentazzjoni waħda, il-PIC elettroniku jaqsam it-talbiet u jiġġenera RIN wieħed għal kull pajjiż li jimporta. Id-DNA jirriżerva d-dritt li jirrifjuta t-talba bil-massa u jitolbok tippreżenta diversi Talbiet speċjali RIN minflok.



Din il-karatteristika tista' tintuża għal esportazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi tal-Anness I jew sustanzi kimiċi tal-Anness V < 10 Kg għal Riċerka jew Analiżi. Għandek tkun taf li s-sustanzi kimiċi tal-Anness I u V ma jistgħux jiġu ppreżentati flimkien - għandhom isiru preżentazzjonijiet distinti għal sustanzi kimiċi elenkati f'kull anness.

Biex tibda, kklikkja fuq il-link "Bulk request" [Talba bil-massa] fit-taqsim "Special RIN Request" [Talba Speċjali RIN] tal-menu prinċipali.

9.2.1 Information dwar l-Esportazzjoni

Ipprovdi informazzjoni dwar is-sena intiża tal-esportazzjoni billi tagħżel il-valur korrett minn lista li tinżel.

Agħżel il-pajjiż(i), li inti tippjana li tesporta lej(hom) u żidu(hom) mal-lista ta' "Importing countries" [Pajjiżi li jimportaw] billi tikklikkja fuq il-vleġġa li tipponta lejn il-lemin bejn iż-żewġ kolonni.



Tista' tagħżel diversi pajjiżi billi tagħfas il-buttuna "Ctrl" fuq it-tastiera filwaqt li tagħżel il-pajjiżi.



Id-dettalji tal-esportatur huma mimlija minn qabel mill-modulu tal-Kontijiet tal-ECHA. Tista' teditja l-informazzjoni tat-telefon, tal-fax u tal-email jekk tixtieq tirreferi għal persuna speċifika/kuntatt speċifiku f'din in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni. Id-dettalji tal-Parti tiegħek jistgħu jiġu modifikati biss ċentralment (minn utent li jkun ukoll il-ġestitur tal-Kontijiet tal-ECHA) billi tuża l-link disponibbli.

Hekk kif tkun imlejt l-oqsma kollha neċessarji kklikkja fuq il-buttuna "Next section" [Taqsimha li jmiss].

9.2.2 Dokumenti Mehmuża

Tella' żewġ dokumenti mar-RIN speċjali bil-massa tiegħek. L-ewwel wieħed ("Bulk Special RIN request" [Talba Speċjali RIN bil-Massa]) huwa l-fajl li fih l-informazzjoni kollha rilevanti għat-talba tiegħek u t-tieni wieħed ("Information to Customs" [Informazzjoni lid-Dwana]) għandu jkun subsett ta' informazzjoni mill-ewwel dokument bl-esklużjoni tal-informazzjoni kunfidenzjali.

Id-DNA tiegħek juża l-ewwel dokument filwaqt li t-tieni huwa disponibbli għall-uffiċjali doganali biex jikkontrollaw il-konsenja tiegħek.

Jekk inti tkun tixtieq, tista' ttella' aktar dokumenti ta' sostenn mat-talba tiegħek.



Il-format tal-fajl "Bulk Special RIN Request" [Talba Speċjali RIN bil-Massa] li għandu jittella' huwa determinat mid-DNA tiegħek.

Ipprovi l-kodiċi ta' sigurtà jew itlob wieħed ġdid jekk ma jkunx jista' jinqara faċilment u agħfas il-buttuna "Upload" [Tella'].

Hekk kif l-oqsma kollha meħtieġa jkun mtlew u d-dokumenti kollha neċessarji jkun għew meħmuża, kklikkja fuq "Submit" [Ippreżenta] biex tressaq it-talba lid-DNA tiegħek.

9.3 Rinunzja ta' Emerġenza

F'każ li l-esportazzjoni tas-sustanza kimika tkun tirrelata għal sitwazzjoni ta' emergenza² li kwalunkwe dewmien għaliha jista' jipperikola s-saħħa pubblika jew l-ambjent, l-esportatur jista' jitlob li jirrinunzja għal ċerti obbligi (eż. minimu ta' 35 jum għall-preżentazzjoni bil-quddiem tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni u d-dispożizzjoni dwar il-kunsens espliċitu).



It-talba għal RIN speċjali għal esportazzjoni ta' emerġenza hija simili ħafna għall-ħolqien ta' notifikazzjoni standard tal-esportazzjoni. F'dan il-kapitolu ser nenfasizzaw id-differenzi. Għall-istadji l-oħrajn kollha, ikkontrolla l-Kapitolu 5.1.

9.3.1 Taqsimha 3 - Informazzjoni dwar l-importazzjoni

Il-kaxxa "Emergency Situation (in accordance with Article 8(5))" [Sitwazzjoni ta' Emerġenza (skont l-Artikolu 8 (5))] għandha tiġi mmarkata. Hekk kif tiġi mmarkata, il-qasam ta' ġustifikazzjoni taħt il-kaxxa li timmarka jsir disponibbli. Li tipprovi ġustifikazzjoni għas-sitwazzjoni ta' emerġenza huwa obligatorju sabiex wieħed jikseb ir-RIN speċjali, li hu meħtieġ għal dan it-tip ta' esportazzjoni.

9.3.2 Dokumenti Mehmuża

Minbarra kull skeda ta' data ta' sigurtà għandu wkoll jiġi meħmuż dokument tat-tip "Emergency Situation" [Sitwazzjoni ta' Emerġenza]. Dan id-dokument għandu jipprovi spjegazzjoni dettaljata dwar in-natura tas-sitwazzjoni ta' emerġenza.

² Tista' tingħata eżenzjoni mill-obbligu li tinnotifika mhux inqas minn 35 jum qabel id-data mistennija tal-esportazzjoni, fuq talba raġunata tal-esportatur jew tal-Parti li timporta jew ta' pajjiż ieħor, fejn l-esportazzjoni tas-sustanza kimika tkun relatata ma' sitwazzjoni ta' emerġenza li kwalunkwe dewmien għaliha jista' jipperikola s-saħħa pubblika jew l-ambjent fil-Parti li timporta jew pajjiż ieħor. (L-Artikolu 8(5) tar-Regolament (KE) Nru 649/2012).

10. Kif iżżomm kont tan-notifikazzjonijiet tiegħek


10.1 Storja tal-avveniment

Billi jużaw il-funzjonalità tal-istorja tal-avveniment, l-esportaturi jistgħu isegwu l-progress tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni ppreżentata u kompiti relatati. Ir-rapport juri informazzjoni dwar l-avvenimenti li jikkonċernaw in-notifikazzjoni bħall-

- Preżentazzjoni
- Preżentazzjoni mill-ġdid,
- Kontroll DNA,
- Validazzjoni tal-ECHA,
- Attivazzjoni tal-ECHA,
- Talba DNA għal Kunsens Espliċitu,
- Talba għal rinunzja,
- Rekord DNA ta' tweġiba għal talba għal kunsens espliċitu.

Biex ikollok aċċess għall-istorja tal-avveniment ta' notifikazzjoni tal-esportazzjoni, fittex in-notifikazzjoni, iftaħha u agħżel "Event history" [Storja tal-Avveniment] mill-menu li jinżel "View" [Ara] fir-rokna ta' fuq fin-naħa tal-lemin (Figura 46).

Figura 46: Link għal "Event history" [Storja tal-avveniment]




10.2 Storja tal-Preżentazzjoni

Billi juża l-karatteristika "Submission history" [Storja tal-preżentazzjoni], l-esportatur jista' jkollu aċċess għal u jqabbel verżjonijiet differenti tal-istess notifikazzjoni tal-esportazzjoni (jekk dawn ikunu disponibbli).

F'każ li d-DNA jew l-ECHA jitolbu aktar informazzjoni wara li n-notifikazzjoni tkun ġiet ippreżentata, l-esportatur ikollu l-possibbiltà li jkompli jaħdem fuq in-notifikazzjoni ppreżentata qabel. Hekk kif l-esportatur jerġa' jippreżenta n-notifikazzjoni, il-preżentazzjoni l-ġdida tiġi tidher fi "Submission history" [Storja tal-preżentazzjoni] flimkien mal-verżjoni(jiet) preliminari tan-notifikazzjoni tal-esportazzjoni u kwalunkwe anness.

Biex ikollok aċċess għal "Submission history" [Storja tal-preżentazzjoni] ta' notifikazzjoni tal-esportazzjoni, fittex in-notifikazzjoni, iftaħha u għażel "Submission history" [Storja tal-Preżentazzjoni] mill-menu li jinżel "View" [Ara] fir-rokna ta' fuq fin-naħa tal-lemin (Figura 47).

Figura 47: Link għal "Submission history" [Storja tal-preżentazzjoni]



10.3 Emails ta' twissija

L-utent għandu l-possibbiltà li jitlob li jintbagħtu emails lil indirizz definit minn qabel meta jseħħu avvenimenti speċifiċi fi ħdan is-sistema. Dawn l-avvenimenti jinkludu, iżda mhumiex limitati għal:

- DNA li jikkontrolla notifikazzjoni tal-esportazzjoni / talba speċjali RIN
- I-ECHA li tivvalida / tattiva notifikazzjoni tal-esportazzjoni
- II-kontroll ta' proposta għal rinunzja
- RIN attivat/ diżattivat bħala tweġiba għal kunsens espliċitu
- Status RIN modifikat
- L-iskadenza tal-preżentazzjoni tar-rapport tal-Artikolu 10 qiegħda toqrob

Biex jattiva l-funzjonalitajiet ta' email ta' twissija, l-utent għandu jiftaħ it-taqsimha "Manage e-mail notifications" [Immaniġġja n-notifikazzjonijiet bl-email] li tista' tintlaħaq billi tikklikkja fuq il-vleġġa ħdejn l-isem tal-utent, li jidher fir-rokna tal-lemin fin-naħa ta' fuq tal-applikazzjoni (Figura 48).


Figura 48: Settings ta' notifikazzjoni bl-email



Jekk persuna ta' kuntatt tkun diġà definita għall-organizzazzjoni, l-utent ikun jista' sempliċiment jixgħel in-notifikazzjonijiet tal-email għal utenti magħżula, billi jimmarka l-

kaxxa(i) "Receive notifications" [Irċievi notifikazzjonijiet] fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet] (Figura 49).

Figura 49: Ixgħel notifikazzjonijiet bl-email

First name	Last name	Phone	Email address	Actions
First name	Last name	+12345678	email@email.eu	<input checked="" type="checkbox"/> Receive notifications 

Sakemm persuna ta' kuntatt ma tkunx diġà disponibbli fis-sistema, jeħtieġ li dan il-kuntatt ikun ipprovdut sabiex tkun tista' taħdem il-funzjonalità bl-email. Ikklikkja fuq il-buttuna "Add contact" [Żid kuntatt] (Figura 50) u agħżel l-ikona tal-lapes fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet].

Figura 50: Żid persuna ta' kuntatt ġdida

Add contact

Hekk kif id-dettalji tal-persuna ta' kuntatt ġdida jkunu ġew ipprovduti, din tista' tiġi finalizzata billi tikklikkja fuq l-ikona ta' kontroll, fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet] (Figura 51).

Figura 51: Issejvja d-dettalji ta' kuntatt ġodda



11. Rinunzji

11.1 Talba ta' rinunzja fl-assenza ta' tweġiba għal talba għal kunsens espliċitu (rinunzja standard)

Għall-esportazzjoni ta' sustanzi kimiċi / taħlitiet elenkati fil-parti 2 jew 3 tal-Anness I, huwa meħtieġ kunsens espliċitu pożittiv mid-DNA tal-pajjiż li jimporta.


Jekk il-pajjiż li jimporta ma jkunx wieġeb fi żmien 60 jum mid-data li fiha d-DNA tal-UE jkun talab kunsens espliċitu, l-esportatur jista' jipproponi rinunzja għall-obbligi ta' kunsens espliċitu. Biex jagħmel dan, l-esportatur għandu jipprovdi evidenza dokumentarja li s-sustanza għandha liċenzja, hija rreġistrata jew awtorizzata fil-pajjiż li jimporta.

11.1.1 Kif tipproponi rinunzja standard

Biex tipproponi rinunzja standard, sib in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni billi tuża l-funzjonalità "Search & View" [Fittex u Ara] u iftaħha billi tikkljkja fuq RIN fl-ewwel kolonna tal-lista ta' riżultati tat-tfittxija.

Il-funzjonalità "Propose waiver" [Ipproponi rinunzja] tista' ssibha fil-menu li jinżel "Action" [Azzjoni] fir-rokna tal-lemin fin-naħa ta' fuq tal-paġna (Figura 52).

Figura 52: Link għal "Propose waiver" [Ipproponi rinunzja]



Dokumenti li jsostnu t-talba għal rinunzja għandhom jittellgħu fil-PIC elettroniku. Agħżel il-lingwa tad-dokument u kklikkja fuq "Browse" [Ibbrawżja] biex talloka l-fajl(s) rilevanti fuq il-kompjuter tiegħek.



Għandu jiġi mehmuż għall-inqas dokument wieħed li jiġġustifika r-rinunzja u jekk ikun f'xi lingwa oħra li mhijiex l-Ingliż, il-Franċiż jew l-Ispanjol għandha tiġi pprovduta wkoll traduzzjoni f'waħda minn dawn il-lingwi.

Ittajpja l-kodiċi ta' sigurtà jew itlob wieħed ġdid jekk ma jkunx jista' jinqara faċilment u agħfas il-buttuna "Upload" [Tella'].

Agħżel id-dikjarazzjoni legali xierqa u kklikkja fuq "Submit" [Ippreżenta].



Minħabba li rinunzji standard jistgħu jiġu mitluba biss 60 jum wara t-talba inizjali għal kunsens espliċitu, ivverifika d-dati tat-talba billi tuża t-taqsimha "Event history" [Storja tal-avveniment].

Jekk ma jkun hemm ebda żbalji fil-formola ta' proposta għal rinunzja, tiġi tidher paġna ta' konferma. Irrieżamina l-informazzjoni pprovduta qabel li tippreżentaha.

Tista' jekk trid tibgħat messaġġ lid-DNA tiegħek (massimu ta' 500 karattru).

Ikklikkja fuq "Submit to DNA" [Ippreżenta lid-DNA] biex tipproponi rinunzja għad-DNA tiegħek.

11.2 Rinunzja OECD


Jekk is-sustanza kimika notifikata tkun elenkata fil-Parti 2 tal-Anness I u l-pajjiż li jimporta jkun membru tal-OECD, tista' tiġi ppreżentata proposta għal rinunzja tal-kunsens espliċitu immedjatament wara li tkun ippreżentata notifikazzjoni tal-esportazzjoni u wara li jkun inkiseb RIN. L-esportatur għandu jipprovi evidenza dokumentarja li s-sustanza kimika għandha liċenzja, hija rreġistrata jew awtorizzata fil-pajjiż tal-OECD ikkonċernat.

11.2.1 Ipproponi rinunzja

Fittex in-notifikazzjoni rilevanti u kklikkja fuq RIN biex taraha.

Mill-menu li jinżel "Actions" [Azzjonijiet], agħżel "Propose waiver" [Ipproponi rinunzja] (Figura 53).

Figura 53: Il-possibbiltà li tipproponi rinunzja



Tidher formola mimlija minn qabel.

Agħżel il-lingwa tad-dokument u bbrawżja l-fajl biex ittelligħu. Għandu għallinqas jiġi meħmuż dokument wieħed li jiġġustifika l-proposta ta' rinunzja.

Ittappja l-kodiċi ta' sigurtà jew itlob wieħed ġdid jekk ma jkunx jista' jinqara faċilment u agħfas il-buttuna "Upload" [Tella'].

Agħżel id-dikjarazzjoni legali xierqa u kklikkja fuq "Submit" [Ippreżenta]. Jekk ma jkun hemm ebda żbalji fil-formola ta' proposta għal rinunzja, tiġi tidher paġna ta' konferma biex tiġbor fil-qosor l-informazzjoni pprovduta, inklużi l-annessi.

Tista' jekk trid tibgħat messaġġ lid-DNA tiegħek (massimu ta' 500 karattru).

"Continue editing" [Kompli editja] jerġa' jibagħtek lejn il-formola biex tipproponi rinunzja.

"Submit to DNA" [Ippreżenta lid-DNA] tissejvja l-proposta u tibgħatha lid-DNA tiegħek. Tiġi tidher il-Paġna ta' preżentazzjoni b'suċċess u jiġi ġġenerat l-ID għal Talba għal Rinunzja.



Formola biex tipproponi rinunzja ma tistax tkun issejvjata temporanjament; għandha tiġi kkompletata u ppreżentata minnufih.

12. Artikolu 10 Kif tirrapporta f'PIC elettroniku

PIC elettroniku jipprovdi lil utenti tal-industrija b'formola web sabiex jissodisfaw l-obbligi tagħhom skont l-Artikolu 10 tar-Regolament PIC u jirrapportaw dwar l-esportazzjonijiet u l-importazzjonijiet ta' sustanzi kimiċi soġġetti għar-regolament (flimkien mal-kwantitajiet eżatti) li seħħew fis-sena kalendarja preċedenti. Ir-rapport għall-esportazzjonijiet - sa fejn possibbli - jimtela minn qabel mill-PIC elettroniku meta d-data tkun disponibbli fis-sistema.

12.1 Kif tiġġenera r-rapport tal-Artikolu 10

Ir-rapport huwa awtomatikament iġġenerat għal dawk il-kumpaniji kollha li ppreżentaw għall-inqas notifikazzjoni waħda tal-esportazzjoni (inklużi RINs speċjali minbarra dawk skont l-Artikolu 2(3)) matul il-perjodu ta' rappurtar in kwistjoni. Il-ġenerazzjoni ta' rapport awtomatiku jseħħ fl-1 ta' Jannar wara l-perjodu ta' rappurtar (eż. jekk il-perjodu ta' rappurtar ikun is-sena 2015, ir-rapport huwa ġġenerat fl-1 ta' Jannar 2016).

Jekk l-esportatur ikun naqas li jippreżenta notifikazzjoni tal-esportazzjoni fis-sena preċedenti jew il-kumpanija jkun kellha biss importazzjonijiet matul il-perjodu ta' rappurtar, ir-rapport ma jiġix iġġenerat awtomatikament, minħabba li s-sistema ma jkollhiex informazzjoni dwar dawn l-esportazzjonijiet/l-importazzjonijiet. Sabiex jippreżenta r-rapport tal-Artikolu 10, l-utent għandu jiġġenerah manwalment. Ir-rapport jista' jiġi ġġenerat billi tagħżel "Create reports on exports" [Oħloq rapporti dwar esportazzjonijiet] jew "Create report on imports" [Oħloq rapport dwar importazzjonijiet] mit-taqsima "Article 10 reports" [Rapporti tal-Artikolu 10] tal-menu prinċipali.



Rapport wieħed għal kull tip ta' rapport u għal kull sena kalendarja jista' jiġi ġġenerat. Jekk is-sistema tkun diġà ġġenerat wieħed awtomatikament, il-funzjonalità tal-ġenerazzjoni manwali tiġi diżattivata.


12.2 Kif tivverifika u tikkompleta r-rapport tal-Artikolu 10 dwar l-esportazzjonijiet

Hekk kif ir-rapport ikun ġie ġġenerat, l-utent jista' jkollu aċċess għalih minn "Search & View" [Fittex u Ara] taħt it-taqsima "Article 10 reports" [Rapporti dwar l-Artikolu 10] tal-menu prinċipali. Ir-rapport jista' jinfetaħ billi tikklikkja fuq is-sena tar-rapport fil-kolonna "Year" [Sena] tat-tabella li tidher.

Ir-rapport jikkonsisti fi tliet partijiet:

- Is-sommarju tar-rapport (Figura 54) fejn ikunu jidhru l-isem tal-kumpanija, it-tip ta' rapport u s-sena tar-rapport.

Figura 54: Rapport tal-Art. 10 - Sommarju tar-Rapport



- It-tieni taqsima telenka d-dettalji tal-kumpanija (Figura 55). Din l-informazzjoni tista' tiġi editjata biss permezz tal-issettjar tal-kont ECHA tiegħek, ħlief għall-persuna ta' kuntatt.

Figura 55: Rapport tal-Art. 10 - Dettalji tal-Kumpanija

Company details

Please verify that the information below is valid, or update if needed.

Name & Address

* Name:

* Street line 1:

Street line 2:

Postal code:

* Town/City:

Country: Germany

The information above can only be modified centrally using the following link: [edit](#)

Contact details

Phone:

Fax:

Email:

- It-tielet parti telenka l-informazzjoni dettaljata dwar l-esportazzjonijiet li seħħew matul il-perjodu ta' rappurtar (Figura 56) - kif estratti min-notifikazzjoni(jiet) tal-esportazzjoni rilevanti.

Figura 56: Rapport tal-Art. 10 - Dettalji dwar l-Esportazzjonijiet

Exports details

Exports of Annex I and Annex V chemicals of up to 10 kg per year and per importing country for research or analysis (Art. 2 (3)) are exempted from the reporting obligation.

Sort by substance country Art14

10 records

Annex I entry	Annex I element	Importing country	Quantity (kilos)	Art14 (7)	Importers	RINs	Delete
1,1,1-Trichloroethane		Belarus	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		
1,1,1-Trichloroethane		India	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		
1,1,1-Trichloroethane		Russian Federation	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		
1,1,1-Trichloroethane		Saudi Arabia	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		
1,1,1-Trichloroethane		Turkey	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		
1,1,1-Trichloroethane		Ukraine	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		
Arsenic compounds	Please select ... ▲ Error - Undefined chemical. Please specify the chemical name or contact the ECHA Helpdesk if it is missing from the list.	India	<input type="text" value=""/> ▲ Error - Undefined quantity.	<input type="checkbox"/>	▲ Error - Undefined importers.		

12.2.1 Dettalji dwar l-Esportazzjoni

It-tabella li telenka d-dettalji ta' esportazzjonijiet notifikati fiha l-informazzjoni li ġejja:

- **Iskrizzjoni tal-Anness I:** isem tas-sustanza/ grupp elenkat fl-Anness I għar-Regolament. Din l-informazzjoni timtela minn qabel għal esportazzjonijiet notifikati u ma tistax tiġi editjata.
- **Element tal-Anness I:** jekk l-iskrizzjoni tal-Anness I tkun tirreferi għal grupp ta' sustanzi, l-utent ikollu jagħżel l-element speċifiku li kien esportat. L-utent għandu jagħżel is-sustanza xierqa minn lista li tinżel. Din l-informazzjoni hija obligatorja u l-utent għandu jdaħħalha manwalment. F'każ li l-kimika eżatta kienet diġà speċifikata filwaqt li nħolqot in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni, l-informazzjoni timtela awtomatikament minn qabel u ma tistax tkun modifikata.

- **Il-pajjiż li jimporta:** pajjiż li lilu ġiet esportat/a s-sustanza/t-taħlita/l-oġġett Din l-informazzjoni timtela minn qabel u ma tistax tkun editjata.
- **Kwantità:** Il-quantità tas-sustanza esportata lill-pajjiż speċifiku, pprovduta f'kg. Din l-informazzjoni hija obbligatorja u l-utent għandu jdaħħalha manwalment.



Għandek tkun taf li fil-każ ta' taħlitiet u oġġetti, il-quantità li għandha tiġi pprovduta hija tas-sustanza kimika tal-Anness I fi ħdan it-taħlita/ l-oġġett u mhux tat-taħlita/ l-oġġett intier.

- **Art 14(7):** Jekk is-sustanza esportata tkun elenkata fil-Parti 2 jew 3 tal-Anness I u l-esportazzjoni kienet attivata fuq il-bażi ta' rinunzja approvata, din il-kaxxa tkun immarkata minn qabel u ma tkunx tista' teditjaha.
- **Importaturi:** L-utent għandu jdaħħal l-importaturi kollha fi ħdan il-pajjiż li jimporta li lilu jkun esporta s-sustanza partikolari tul il-perjodu ta' rappurtar. Biex iżżid l-importatur(i) rilevanti, ikklikkja fuq l-ikona tal-lapes u agħżel l-importatur(i) korrett(i) minn daww elenkati, billi timmarka l-kaxxa(i) fil-kolonna "Actions" [Azzjonijiet]. Hekk kif issir l-għażla korretta, ikklikkja fuq "Update report (back)" [Aġġorna r-rapport (lura)] biex terġa' lura għar-rapport tal-Artikolu 10. F'każ li l-importatur li tixtieq mhuwiex inkluż fil-lista, tista' żżid kumpanija ġdida billi ssegwi l-istruzzjonijiet iprovduti fil-kapitolu 5.1.2.1.
- **RINs:** In-Numru(i) ta' Identifikazzjoni ta' Referenza tan-notifikazzjoni(jiet) tal-esportazzjoni għas-sustanza speċifikata jkun elenkat f'din il-kolonna Din l-informazzjoni timtela minn qabel u ma tistax tkun editjata. Jekk l-esportatur jagħżel li jiġġenera rapport manwalment, ma jkunx possibbli li jiżdiedu RINs miegħu.
- **Ħassar:** Esportazzjoni(jiet) imdaħħla(in) manwalment biss jistgħu jiġġassru mir-rapport billi timmarka l-kaxxa f'din il-kolonna u tikklikkja fuq "Save" [Issejvja].

12.2.2 Iskrizzjoni Manwali tad-Data dwar l-Esportazzjonijiet

Jekk l-esportatur ma ppreżentax notifikazzjoni tal-esportazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti, għandhom l-opportunità li jżidu l-informazzjoni manwalment dwar daww l-esportazzjonijiet fir-rapport.

Jistgħu jiddaħħlu manwalment massimu ta' ħames esportazzjonijiet, madankollu, ħames fillieri addizzjonali jsiru disponibbli meta tikklikkja fuq il-buttuna "Save" [Issejvja].

L-oqsma kollha elenkati fil-Kapitolu 12.2.1 huma obbligatorji ħlief għall-informazzjoni dwar l-istatus ta' rinunzja tal-Artikolu 14(7) u r-RIN, minħabba li daww mhumiex applikabbli għal esportazzjonijiet kodifikati manwalment.



Għandek tkun taf li l-informazzjoni dwar l-importatur tista' tiżdied biss wara li l-informazzjoni l-oħra kollha tkun ġiet iprovduta fil-filliera rilevanti u l-utent ikun issejvja l-formola. L-ikona tal-lapes biex teditja l-informazzjoni dwar l-importatur imbagħad issir attiva.



Ir-rapport jista' jkun issejvjat fi kwalunkwe ħin sabiex l-utent ikun jista' jirritorna biex jaħdem fuqu fi stadju iktar tard.

12.3 Rapport tal-Artikolu 10 dwar l-Importazzjonijiet

Ir-rapporti tal-Artikolu 10 dwar l-importazzjonijiet jixbhu lil daww dwar l-esportazzjonijiet: juru s-sommarju tar-rapport, id-dettalji tal-kumpanija u informazzjoni dettaljata dwar l-importazzjonijiet.

- ! Il-ġenerazzjoni awtomatika tar-rapport hija possibbli biss għal rapport dwar l-esportazzjonijiet, minħabba li informazzjoni dwar l-importazzjonijiet mhijiex assoċjata ma' esportatur u ma tinħażinx f'PIC elettroniku.

L-informazzjoni kollha dwar l-importazzjonijiet għandha tiddaħħal manwalment. Informazzjoni dwar l-importazzjonijiet hija meħtieġa bl-istess format bħal għall-esportazzjonijiet, bl-eċċezzjonijiet li ġejjin:

- **Pajjiż li jesporta** : L-utent għandu jagħżel il-pajjiż tal-orijini tas-sustanza/taħlita/oġġett mil-lista li tinżel disponibbli.
- **Esportaturi**: L-utent għandu jipprovi informazzjoni dwar l-esportaturi. Din il-funzjonalità taħdem f'analoġija ma' kif inhi pprovduta informazzjoni dwar l-importaturi. Għal aktar dettalji, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 12.2.1.

- ! L-istess bħal iskrizzjonijiet manwali ta' rapporti tal-Artikolu 10 dwar l-esportazzjonijiet, l-informazzjoni dwar l-esportatur tista' tiddaħħal biss, meta r-rapport ikun ġie ssejvjat. L-ikona tal-lapes imbagħad issir attiva u l-informazzjoni tista' tiġi editjata/miżjuda.

12.4 Preżentazzjoni ta' rapport tal-Artikolu 10 (esportazzjoni/importazzjoni)

Jekk ebda żball ta' validazzjoni ma jiġi enfasizzat mis-sistema, tiġi tidher paġna ta' konferma fejn l-utent jista' jirrevedi r-rapport qabel ma jippreżentah. Hekk kif ir-rapport ikun ġie finalizzat, l-utent għandu jikklikkja fuq "Submit" [Ippreżenta] biex jibgħat ir-rapport lid-DNA tiegħu.

- ! F'każ li utent jirċievi żball ta' validazzjoni meta jipprova jippreżenta r-rapport, is-sistema tiblokka l-preżentazzjoni u turi messaġġ ta' żball għal kull qasam fejn il-problema tkun ġiet identifikata.


F'każ li l-utent ikun jixtieq jirritorna għar-rapport u jimmodifikah iktar, għandu jikklikkja fuq "Continue editing" [Kompli editja].

12.5 Kif tniżżel rapport dwar l-Artikolu 10 ippreżentat f'format Excel

PIC elettroniku jippermetti lil esportaturi u importaturi jniżżlu r-rapport tal-Artikolu 10 ippreżentat tagħhom f'format Excel.

Biex tagħmel dan, iftaħ ir-rapport minn "Search & View" [Fittex u Ara] fit-taqsimha "Article 10 reports" [Rapporti tal-Artikolu 10] fil-menu prinċipali u iftaħ ir-rapport billi tagħżel is-sena rilevanti fil-kolonna "Year" [Sena]. Il-karatteristika "Download as excel" [Niżżel bħala excel] hija disponibbli fir-rokna fuq il-lemin fin-naħa ta' fuq tar-rapport fil-menu "Actions" [Azzjonijiet].

Figura 57 Niżżel ir-rapport tal-Artikolu 10 bħala fajl excel



13. Funzjonalitajiet ta' tfittxija f'PIC elettroniku

Permezz tal-funzjoni ta' tfittxija l-esportaturi jistgħu isibu l-abbozz tagħhom, notifikazzjonijiet ippreżentati u pproċessati u talbiet speċjali RIN.

13.1 Fittex Notifikazzjonijiet tal-Esportazzjoni / Talbiet Speċjali RIN

Biex tfittex notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni jew talbiet speċjali RIN, agħżel il-punt mill-menu "Search & View" [Fittex u Ara] fil-menu prinċipali taħt it-taqsimha xierqa. Ċerti possibilitajiet ta' filtrazzjoni huma definiti minn qabel skont il-metodu ta' aċċess tiegħek (eż, it-tip ta' notifikazzjoni "Export notification" [Notifikazzjoni tal-esportazzjoni] tkun magħżula minn qabel jekk ikollok aċċess għaliha mit-taqsimha "Export Notifications" [Notifikazzjonijiet tal-Esportazzjoni]).

Oqsma addizzjonali ta' test liberu, listi li jinżlu u kaxxi biex timmarka huma disponibbli biex inti tirfina l-kriterji ta' tfittxija tiegħek.

L-oqsma li ġejjin jistgħu jintużaw biex inti tirfina t-tfittxijiet sabiex tirritorna:

- **RIN:** Notifikazzjoni tal-Esportazzjoni speċifika / Talba Speċjali RIN
- **B'messaġġi li ma jkunux għadhom inqar biss:** notifikazzjonijiet assoċjati ma' messaġġ li ma jkunux inqara minn utent ta' awtorità (DNA jew ECHA)
- **Pajjiż li jimporta:** tfittxija speċifika għall-pajjiż
- **CAS #:** tfittxija speċifika - CAS
- **Sustanza kimika:** Agħżel is-sustanza kimika mil-lista li tinżel.
- **Taħlita:** Agħżel it-taħlita mil-lista ta' taħlitiet tiegħek
- **Oġġett:** Agħżel l-oġġett mil-lista tal-oġġetti tiegħek
- **Fittex:** Biex tispeċifika intix qed tfittex Talbiet Speċjali RIN jew Notifikazzjonijiet tal-Esportazzjoni (jew it-tnejn)
- **Sena tal-esportazzjoni:** Tista' tiġi identifikata firxa billi ddaħħal l-ewwel sena fil-qasam "From" [Minn] u ddaħħal l-aħħar sena fil-qasam "To" [Sa].
- **Status tan-Notifikazzjoni:** Sitt kaxxi li timmarka jċekknu t-tfittxija għal statuses speċifiċi. Jekk ebda waħda mill-kaxxi ma tiġi mmarkata, it-tfittxija ssir fuq il-preżentazzjonijiet kollha.
- **Status RIN:** Biex twettaq tfittxija bbażata fuq kriterji ta' status RIN (Attiv fi/ Mhux attiv fi/ Diżattivat) Għall-possibilitajiet "Activ on" [Attiv fi] u "Inactive on" [Mhux attiv fi], ikkollok tipprovdi wkoll data. Għal aktar informazzjoni dwar diversi statuses RIN, jekk jogħġbok ara l-Kapitolu 13.3.

Hekk kif jiddaħħlu / jiġu magħżula l-kriterji meħtieġa, kklikkja fuq il-buttuna "Search" [Fittex].

Mir-riżultati ta' tfittxija li jidhru, in-notifikazzjoni mixtieqa / RIN speċjali tista' tinfetaħ billi tikklikkja fuq ir-RIN tagħha.

13.2 Fittex Taħlita / Oġġett

Biex tfittex taħlita / oġġett maħluqa qabel, jew għażel "Manage mixtures" [Immaniġġja t-taħlitiet] jew "Manage articles [Immaniġġja l-oġġetti] mit-taqsimha "Chemicals, Mixtures & Articles" [Sustanzi Kimiċi, Taħlitiet u Oġġetti] tal-menu prinċipali.

Isem: Ipprovdi l-isem tat-taħlita jew tal-oġġett

Fih sustanza kimika: ifittex biss taħlitiet/ oġġetti li fihom is-sustanza kimika partikolari.

Il-kaxxi "Mixture" [Taħlita] u "Article" [Oġġett] jistgħu jillimitaw it-tfittxija tiegħek jew għal taħlitiet jew għal oġġetti (it-tfittxija ssir fuq it-tnejn, jekk iż-żewġ kaxxi jkun mmarkati).

Biex twettaq it-tfittxija, kklikkja fuq il-buttuna "Search" [Fittex].

13.3 Statuses RIN

Attiv

L-istatus ta' RIN isir attiv meta:

- in-notifikazzjoni tiġi pproċessata kollha;
- tintlaħaq id-data mistennija tal-esportazzjoni;
- addizzjonalment, għal sustanzi kimiċi elenkati fil-partijiet 2 jew 3 tal-Anness I, ikun disponibbli kunsens espliċitu validu, pożittiv.

RIN attiv jipprovdi indikazzjoni lid-Dwana li esportazzjoni partikolari għandha titħalla ssir.

Mhux attiv

RIN ma jkunx attiv meta:

- in-notifikazzjoni ma tkunx għadha ġiet ipproċessata kollha;
- id-data mistennija tal-esportazzjoni tkun fil-ġejjieni
- addizzjonalment, għal sustanzi kimiċi elenkati fil-partijiet 2 jew 3 tal-Anness I, ma jkunx disponibbli kunsens espliċitu validu, pożittiv (jew rinunzja).



Hekk kif in-notifikazzjoni tkun ġiet ipproċessata kompletament, sakemm tintlaħaq id-data tal-esportazzjoni mistennija, jew - fil-każ ta' sustanzi kimiċi tal-Parti 2 u tal-Parti 3 - ikun ġie riċevut kunsens espliċitu validu, pożittiv, liema minnhom jiġi l-aħħar, l-istatus tan-notifikazzjoni jibqa' "Inactive" [Mhux attiv]. Jekk it-test "Inactive" [Mhux attiv] biss ikun jidher, in-notifikazzjoni jew ma ġietx ipproċessata kompletament, jew ma hemm ebda kunsens espliċitu applikabbli fis-sistema. Jekk l-istatus huwa "Inactive" [Mhux attiv] u segwit b'perjodu ta' żmien (eż. Esportazzjoni permessa: 01.01.2015 – 31.12.2015), in-notifikazzjoni tkun ġiet ipproċessata kompletament U jkun disponibbli kunsens espliċitu validu (jekk meħtieġ), iżda d-data mistennija tal-esportazzjoni ma tkunx intlaħqet. F'dan il-każ partikolari, ir-RIN isir attiv awtomatikament fil-jum tad-data mistennija tal-esportazzjoni.

Diżattivat

RIN diżattivat jimplika li jew huwa disponibbli kunsens espliċitu negattiv fis-sistema għas-sustanza/taħlita/oġġett mill-pajjiż li jimporta jew il-preżentazzjoni ġiet rifjutata mid-DNA/I-ECHA.

Skadut

Notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni huma validi għal mhux aktar minn sena kalendarja waħda. Hekk kif il-validità tagħhom tkun għaddiet l-istatus tagħhom jinbidel għal "Expired" [Skadut].

13.4 Informazzjoni speċifika minn pajjiżi li jimportaw

It-taqsima "Importing country info" [Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta] (Figura 58) fiha informazzjoni speċifika pprovduta minn ċerti pajjiżi li jimportaw. In-natura ta' din l-informazzjoni hija ġenerika u għaldaqstant hija magħmula disponibbli barra l-lista ta' kunsens espliċitu.

Figura 58: Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta




L-informazzjoni f'din it-taqsima tista', pereżempju, tirreferi għal:

- Rekwiżiti speċifiċi li għandhom jiġu sodisfatti fi ħdan in-notifikazzjoni tal-esportazzjoni
- Informazzjoni dwar sustanzi kimiċi pprojbiti (jew kategoriji ta' sustanzi kimiċi, eż. pestiċidi)
- Informazzjoni dwar sustanzi kimiċi li għalihom il-pajjiż li jimporta rrinunzja għad-dritt li jirċievi notifikazzjonijiet tal-esportazzjoni
- Leġiżlazzjoni speċifika għall-Pajjiż

L-informazzjoni jista' jkollok aċċess għaliha jew minn "Importing country info" [Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta] taħt it-taqsima "Chemicals, Mixtures & Articles" [Sustanzi Kimiċi, Taħlitiet u Oġġetti] tal-menu prinċipali, jew waqt li toħloq notifikazzjoni tal-esportazzjoni. Fil-każ tal-aħħar, jekk l-informazzjoni tkun disponibbli għall-pajjiż li jimporta in kwistjoni, l-ikona ħamra, tonda b' "i" bajda tiġi tidher ħdejn il-lista li tinżel (Figura 59).

Figura 59: Ikona li tavża lill-utent dwar informazzjoni disponibbli speċifika għall-pajjiż



It-taqsima "Importing country info" [Informazzjoni dwar il-pajjiż li jimporta] fiha data dwar għadd magħżul ta' pajjiżi biss. L-ECHA iżżid informazzjoni mal-PIC elettroniku hekk kif din issir disponibbli għall-Aġenzija.

L-AĠENZIJA EWROPEA GĦAS-SUSTANZI KIMIĊI
ANNANKATU 18, KAXXA POSTALI 400,
FI-00121 HELSINKI, FINLANDJA
ECHA.EUROPA.EU